Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/537

11.3.2026

**RAKKOMANDAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/537**

**tal-10 ta' Marzu 2026**

**dwar l-iżblukkar tal-investiment privat fl-effiċjenza enerġetika**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 292 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-Komunikazzjoni tagħha tas-17 ta' Settembru 2020 dwar "It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 - Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna" (il-"Pjan dwar il-Mira Klimatika"), [1] il-Kummissjoni pproponiet li żżid l-ambizzjoni klimatika tal-Unjoni billi żżid il-mira tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra (GHG, greenhouse gas) għal tal-anqas 55 % taħt il-livelli tal-1990 sal-2030. Il-proposta wettqet l-impenn tal-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Diċembru 2019 dwar "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" [2] li jiġi ppreżentat pjan komprensiv sabiex il-mira tal-Unjoni għall-2030 timxi għal 55 % b'mod responsabbli. Il-valutazzjoni tal-impatt li takkumpanja l-Pjan dwar il-Mira Klimatika wriet li, sabiex tinkiseb iż-żieda fl-ambizzjoni klimatika, it-titjib fl-effiċjenza enerġetika kellu jiżdied b'mod sinifikanti mil-livell ta' 32,5 %.

(2) Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [3]dwar l-effiċjenza enerġetika (id-"Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika riformulata" (riformulazzjoni EED, Energy Efficiency Directive)) daħlet fis-seħħ fl-10 ta' Ottubru 2023, u introduċiet mira vinkolanti tal-UE ta' tnaqqis ta' 11,7 % fil-konsum tal-enerġija primarja u finali sal-2030, u b'hekk żiedet b'mod sinifikanti l-livell ta' ambizzjoni għall-2030, inkluż fir-rigward tal-finanzjament għall-effiċjenza enerġetika, u saħħet il-prinċipju tal-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel fid-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar u l-investiment, f'konformità mad-dispożizzjonijiet legali fiha.

(3) Il-pjan ta' azzjoni għal enerġija affordabbli [4], adottat fis-26 ta' Frar 2025 bħala parti mill-Patt għal Industrija Nadifa [5], jinkludi azzjonijiet ewlenin biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-enerġija għall-unitajiet domestiċi u għall-intrapriżi, u jgħin biex tinbena Unjoni tal-Enerġija ġenwina li twassal għall-kompetittività, għas-sigurtà, għad-dekarbonizzazzjoni u għal tranżizzjoni ġusta. Il-pjan ta' azzjoni huwa bbażat fuq erba' pilastri u tmien azzjonijiet ewlenin, inkluża Azzjoni ddedikata biex tiżdied l-effiċjenza enerġetika u jinkiseb iffrankar tal-enerġija, li jenfasizza r-rwol tal-effiċjenza enerġetika bħala kontributur ewlieni għall-enerġija affordabbli, għad-dekarbonizzazzjoni u għall-kompetittività industrijali. Biex tavvanza l-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni Ewropea se tappoġġa lill-atturi tas-suq u lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex irawmu suq uniku għall-effiċjenza enerġetika.

---

(1) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "It-tisħiħ tal-ambizzjoni klimatika tal-Ewropa għall-2030 Ninvestu f'futur newtrali għall-klima għall-benefiċċju tal-popli tagħna" COM/2020/562 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52020DC0562.

(2) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Patt Ekoloġiku Ewropew" COM(2019) 640 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52019DC0640.

(3) Id-Direttiva (UE) 2023/1791 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Settembru 2023 dwar l-effiċjenza enerġetika u li temenda r-Regolament (UE) 2023/955 (ĠU L 231, 20.9.2023, p. 1), ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2023/1791/oj).

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Pjan ta' Azzjoni għal Enerġija Affordabbli – Nisfruttaw il-valur reali tal-Unjoni tal-Enerġija tagħna biex niżguraw enerġija affordabbli, effiċjenti u nadifa għall-Ewropej kollha" COM(2025) 79 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0079.

(5) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Patt għal Industrija Nadifa: Pjan direzzjonali konġunt għall-kompetittività u d-dekarbonizzazzjoni, COM(2025) 85 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52025DC0085.

(4) Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-14 ta' Ottubru 2020, bit-titolu "Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa" [6] tidentifika s-settur tal-bini bħala essenzjali biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-2030 u biex tintlaħaq in-newtralità klimatika sal-2050. Dan huwa dovut għar-rilevanza tal-bini, li jirrappreżenta madwar 40 % tal-konsum tal-enerġija totali tal-Unjoni u 36 % tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra tagħha.

(5) Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [7] dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija (ir-"riformulazzjoni tad-Direttiva dwar ir-Rendiment tal-Bini fl-Użu tal-Enerġija" (riformulazzjoni tal-EPDB, Energy Performance of Buildings Directive)) daħlet fis-seħħ fit-28 ta' Mejju 2024 u għandha l-għan li tagħti spinta strutturali lir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija b'enfasi fuq l-appoġġ għar-rinnovazzjoni tal-bini bl-agħar rendiment, il-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku billi jingħataw prijorità l-unitajiet domestiċi vulnerabbli u l-kisba ta' stokk tal-bini kompletament dekarbonizzat sal-2050.

(6) Il-Komunikazzjoni dwar il-Pjan REPowerEU ta' Mejju 2022 [8], segwita mill-Pjan Direzzjonali lejn it-tmiem l-importazzjoni tal-enerġija Russa [9] u l-proposta għal Regolament dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass naturali Russu u t-titjib fil-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija [10], tidentifika l-effiċjenza enerġetika u l-isforzi għall-iffrankar tal-enerġija bħala pilastri ewlenin tal-objettivi tas-sigurtà tal-enerġija tal-UE biex titnaqqas b'mod sinifikanti d-dipendenza minn fjuwils fossili Russi u titħaffef it-tranżizzjoni tal-enerġija.

(7) Ir-Rapport "World Energy Investment 2025" mill-Aġenzija Internazzjonali tal-Enerġija (AIE) [11] jissottolinja li l-objettiv li jiġi rduppjat il-pass tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika jirrikjedi investiment addizzjonali akbar. Filwaqt li l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika kienu qegħdin jiżdiedu b'mod kostanti bejn l-2015 u l-2022, l-AIE sabet li, mill-2023, l-appoġġ ta' politika u finanzjament treġġgħa lura u x-xejra ġiet ikkonfermata fl-2024. B'mod partikolari, fl-Unjoni Ewropea l-investiment fl-effiċjenza enerġetika u l-elettrifikazzjoni naqas bi 2 %, prinċipalment minħabba tnaqqis fl-appoġġ politiku f'xi swieq u tnaqqis fil-bejgħ tal-pompi tas-sħana. B'mod ġenerali, l-AIE ddikjarat li r-rata annwali kurrenti tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u fl-elettrifikazzjoni għandha tittriplika biex tirdoppja r-rata tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika.

(8) Ir-rapport ta' Mario Draghi "A Competitiveness Strategy for Europe" fakkar fil-ħtiġijiet enormi ta' finanzjament tal-Unjoni biex jintlaħqu l-objettivi ta' politika tagħha, li jammontaw għal investiment addizzjonali annwali minimu ta' EUR 750 sa EUR 800 biljun fis-sena, u l-ħtieġa li l-finanzjament pubbliku tal-UE jiġi varat b'mod effettiv biex jistimola l-investimenti privati. Biex jappoġġa l-mobilizzazzjoni tal-investimenti privati, ir-rapport ta' Draghi identifika l-ħtieġa li tiġi kkompletata l-Unjoni tas-Swieq Kapitali, li tiżdied il-kapaċità ta' finanzjament tas-settur bankarju, li tinkludi l-irkupru tat-titolizzazzjoni u l-valutazzjoni tar-regolamentazzjoni prudenzjali kurrenti, u li jiġi rriformat il-baġit tal-UE sabiex jiżdiedu l-enfasi u l-effiċjenza tagħha kif ukoll jittejjeb l-ingranaġġ tal-investimenti privati.

(9) Huma tabilħaqq kruċjali l-mobilizzazzjoni tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u l-ingranaġġ ta' finanzjament privat addizzjonali permezz ta' miżuri ta' politika u finanzjament iddedikati, biex jgħinu lill-Istati Membri jwettqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika għall-2030, biex sal-2050 jiksbu n-newtralità klimatika b'mod kosteffettiv, biex jiffaċilitaw it-tranżizzjoni għal sistema tal-enerġija integrata li tipprovdi enerġija affordabbli u nadifa lil kulħadd, u biex inaqqsu l-pressjoni fuq id-domanda għall-enerġija, u, għalhekk, fuq il-prezzijiet tal-enerġija, filwaqt li jtejbu l-kompetittività u jikkontribwixxu għat-tnaqqis tad-dipendenza tal-UE fuq l-importazzjonijiet tal-enerġija.

[6] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Mewġa ta' Rinnovazzjoni għall-Ewropa - l-ekoloġizzazzjoni tal-binjiet tagħna, il-ħolqien tal-impjiegi, it-titjib tal-ħajja", COM(2020) 662 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=celex:52020DC0662.

[7] Id-Direttiva (UE) 2024/1275 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' April 2024 dwar ir-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija, (ĠU L 2024/1275, 8.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1275/oj).

[8] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Il-Pjan REPowerEU", COM(2022) 230 final, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=COM%3A2022%3A230%3AFIN&qid=1653033742483.

[9] Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni "Pjan direzzjonali lejn tmiem l-importazzjoni tal-enerġija Russa", COM/2025/440 final/2, https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52025DC0440R%2801%29&qid=1747125158211.

[10] Il-Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-eliminazzjoni gradwali tal-importazzjonijiet tal-gass naturali Russu u t-titjib fil-monitoraġġ tad-dipendenzi potenzjali tal-enerġija, u li jemenda r-Regolament (UE) 2017/1938, COM(2025) 828 final, 2025/0180(COD), https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A52025PC0828&qid=1750669110360.

[11] Ir-Rapport tal-AIE, "World Energy Investment 2025", https://iea.blob.core.windows.net/assets/1c136349-1c31-469b-9ed7-1a7d532e4306/WorldEnergyInvestment2025.pdf.

(10) L-Artikolu 30 tar-riformulazzjoni tal-EED ((UE) 2023/1791) jirrikonoxxi l-ħtieġa li jiġi varat appoġġ finanzjarju u tekniku adegwat għall-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u li jiġu żviluppati miżuri ta' politika mmirati li jippermettu l-mobilizzazzjoni ta' investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika.

(11) L-istituzzjonijiet finanzjarji u l-atturi tas-suq tal-effiċjenza enerġetika, bħall-kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija, il-komunitajiet tal-enerġija, l-utilitajiet tal-enerġija u l-operaturi tas-sistemi tad-distribuzzjoni, in-networks distrettwali tat-tisħin u tat-tkessiħ, il-kumpaniji tal-proprjetà immobbli, il-fornituri tal-effiċjenza enerġetika u tat-teknoloġiji b'emissjonijiet żero netti għandu jkollhom rwol ewlieni fil-mobilizzazzjoni tal-investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika billi jingranaw il-benefiċċji tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika f'termini ta' ffrankar tal-kostijiet tal-enerġija, u b'hekk iżidu l-iskala tal-argument għall-vijabbiltà għall-effiċjenza enerġetika.

(12) Fl-2024 il-Kummissjoni ħolqot il-Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika (il-"Koalizzjoni"), biex tisfrutta l-parteċipazzjoni tal-istituzzjonijiet finanzjarji u timmobilizza aktar l-investimenti privati għall-effiċjenza enerġetika, li ġabret flimkien l-Istati Membri tal-UE, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-partijiet ikkonċernati rilevanti bħala membri fundaturi biex jidentifikaw azzjonijiet konkreti għat-titjib tal-finanzjament privat għall-effiċjenza enerġetika. L-objettivi tal-Koalizzjoni huma li jinħoloq ambjent tas-suq favorevoli għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u l-espansjoni tal-finanzjament privat meħtieġ biex jiġi appoġġat l-ilħuq tal-miri tal-UE għall-enerġija u l-klima għall-2030 u l-2050.

(13) Ir-rapport konġunt dwar "Energy Efficiency Financing in Europe – An assessment of public spending for energy efficiency and the energy performance of buildings" ([12]), f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30(17), mar-riformulazzjonijiet tal-EED ((UE) 2023/1791) u mal-Artikolu 9(8) tar-riformulazzjoni tal-EPBD ((UE) 2024/1275), jivvaluta l-istat u l-effettività kurrenti tal-appoġġ għall-finanzjament pubbliku fl-Ewropa għall-ingranaġġ ta' investimenti privati addizzjonali. Ir-rapport konġunt jinnota li l-investiment meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika għall-2030 huwa ta' EUR 370 biljun fis-sena għall-perjodu 2021-2030 u li d-diskrepanza fl-investiment ipproġettata biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tammonta għal madwar EUR 170 biljun fis-sena ([13]). Ir-riżorsi baġitarji tal-UE għall-effiċjenza enerġetika żdiedu bi 62 % fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali tal-2021-2027 meta mqabbla mal-perjodu 2014-2020, u b'491 % meta titqies il-kontribuzzjoni minn Next Generation EU, minn EUR 26,5 sa EUR 156,6 biljun. Maġġoranza kbira ta' din iż-żieda ġejja mill-faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRF", Recovery and Resilience Faċility). Ir-rapport konġunt jikkonkludi li r-riżorsi tal-baġit pubbliku tal-UE u nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika huma fundamentali għalkemm jammontaw biss għal sehem limitat li jirrappreżenta madwar 14,4 % tal-ħtiġijiet ta' investiment. Ir-rapport jikkonkludi wkoll li għandu jiġi sfruttat bis-sħiħ u aktar l-effett katalitiku tal-finanzjament pubbliku billi jiżdiedu l-effettività u l-effiċjenza tal-appoġġ baġitarju pubbliku biex jinkiseb iffrankar akbar tal-enerġija u jiġi attirat aktar kapital privat.

(14) Minħabba d-disponibbiltà limitata tar-riżorsi pubbliċi, l-użu tagħhom għandu jkun immirat biex iżid l-argument għall-vijabbiltà għall-effiċjenza enerġetika u b'hekk jindirizza l-fallimenti tas-suq li jimpedixxu l-mobilizzazzjoni tal-investiment privat fl-effiċjenza enerġetika, filwaqt li jiffoka wkoll fuq l-għoti ta' appoġġ lil gruppi vulnerabbli biex jiġu indirizzati l-kostijiet bil-quddiem għoljin. Barra minn hekk, l-istandardizzazzjoni limitata tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika tirrappreżenta ostaklu kritiku għall-iżvilupp ta' offerti finanzjarji u strumenti finanzjarji ddedikati għall-effiċjenza enerġetika fuq skala kbira, b'hekk tonqos milli tattira investituri tal-kapital privat u operaturi tas-suq. Għalhekk, jibqa' essenzjali li jiġu appoġġati l-aggregazzjoni, l-assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti u metodoloġiji komuni għall-iżvilupp, l-aggregazzjoni u l-valwazzjoni tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika sabiex ikomplu jiġu attirati l-kapitali privati.

(15) Peress li l-unitajiet domestiċi affettwati mill-faqar enerġetiku ma għandhomx riżorsi proprji u għandhom aċċess limitat għal self kummerċjali, huma jiffaċċjaw ostakli biex jaċċessaw il-finanzjament għall-investimenti. Għalhekk, tali unitajiet domestiċi jeħtieġu strumenti finanzjarji pubbliċi innovattivi li jikkombinaw forom differenti ta' finanzjament li jistgħu jippermettu l-aċċess għall-finanzjament fil-forma ta' self b'imgħax żero sa baxx, finanzjament ibbażat fuq ir-rendiment mingħajr kostijiet, bħall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u l-finanzjament fuq il-kont, li jippermetti lill-unitajiet domestiċi jaċċessaw appoġġ finanzjarju bil-quddiem u jħallsu lura l-investiment waqt li jiffrankaw fuq il-kont tal-enerġija tagħhom, flimkien ma' forom innovattivi oħra ta' finanzjament. Il-komunitajiet tal-enerġija jista' jkollhom ukoll rwol fil-ġbir flimkien tal-investimenti privati f'soluzzjonijiet għall-effiċjenza enerġetika b'mod li jkun aktar aċċessibbli u affordabbli għaċ-ċittadini, l-awtoritajiet lokali, l-SMEs u l-unitajiet domestiċi vulnerabbli.

(16) Miżuri biex jitnaqqsu l-kontijiet tal-enerġija u jitnaqqas il-faqar enerġetiku, kif ukoll miżuri biex tiġi appoġġata r-rinnovazzjoni ta' bini bl-agħar rendiment u biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet ta' konsumaturi vulnerabbli, huma mistennija jikkontribwixxu b'mod pożittiv għall-objettiv tal-Kummissjoni li żżid il-provvista u l-aċċess għal akkomodazzjoni affordabbli.

([12]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika fl-Ewropa: Valutazzjoni tal-infiq pubbliku għall-effiċjenza enerġetika u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija COM(2026)118.

([13]) Ir-Rapport dwar l-Effiċjenza Enerġetika tal-AIE għall-2024, https://iea.blob.core.windows.net/assets/f304f2ba-e9a2-4e6d-b529-fb67cd13f646/EnergyEfficiency2024.pdf; u Bruegel, How to finance the European Union's building decarbonisation plan, sors: PB 12 2024.pdf.

(17) Speċifikament fir-rigward tas-settur tal-bini, ir-rata ta' rinnovazzjoni medja osservata fl-Istati Membri tal-UE bħalissa hija baxxa wisq (jiġifieri anqas minn 1 %) biex tiżgura dekarbonizzazzjoni f'waqtha tal-istokk tal-bini. L-appoġġ għal rati ta' rinnovazzjoni akbar u l-adozzjoni ta' miżuri għall-effiċjenza enerġetika fl-intrapriżi, inkluż permezz ta' miżuri regolatorji, se jistimulaw il-parteċipazzjoni tal-investituri privati u tal-operaturi tas-suq fl-iżvilupp ta' suq b'saħħtu għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika.

(18) L-espansjoni fl-investimenti privati għall-effiċjenza enerġetika tirrikjedi r-rikonoxximent tad-differenzi eżistenti fis-swieq tal-effiċjenza enerġetika tal-Istati Membri, fil-prattiki ta' finanzjament u fl-oqfsa regolatorji u ta' appoġġ tagħhom. Wara li identifikat li sfidi differenti fil-livell nazzjonali u reġjonali jeħtieġu approċċi ta' politika differenti, il-Koalizzjoni stabbilita fil-livell tal-Unjoni tiġi kkomplementata minn ċentri nazzjonali ddedikati bbażati fuq l-Istati Membri. L-għan huwa li kull ċentru jiffoka fuq approċċ partikolari mmotivat mis-suq biex tintlaħaq l-effiċjenza enerġetika. Iċ-ċentri nazzjonali tal-Koalizzjoni għandhom jixprunaw l-użu ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament fil-livell nazzjonali billi jiġbru l-partijiet ikkonċernati xierqa, inklużi l-awtoritajiet pubbliċi u l-istituzzjonijiet finanzjarji, u billi jipprovdu appoġġ tekniku kontinwu lill-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jgħinuhom jiżviluppaw soluzzjonijiet ta' finanzjament għall-effiċjenza enerġetika f'konformità mal-objettivi ta' politika u l-ambizzjonijiet tagħhom. Bl-istess mod, din ir-rakkomandazzjoni biex jiġu sfruttati l-investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika għandha titfassal għas-swieq nazzjonali speċifiċi u għall-prattiki ta' finanzjament.

(19) Fir-rebbiegħa tal-2024, il-Kummissjoni laqqgħet flimkien Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Effiċjenza Enerġetika li laqqa' flimkien 150 ċittadin Ewropew biex jiddiskutu l-isfidi u l-benefiċċji tal-effiċjenza enerġetika l-aktar rilevanti għalihom. Bħala riżultat tad-deliberazzjonijiet tagħhom, iċ-ċittadini ressqu lista ta' rakkomandazzjonijiet konkreti biex jikkontribwixxu għall-inizjattivi li ġejjin tal-Kummissjoni, u enfasizzaw fir-rakkomandazzjonijiet tagħhom ir-rwol ewlieni tal-appoġġ għall-finanzjament għall-effiċjenza enerġetika ([14]).

(20) Skont l-Artikolu 30(10) tar-riformulazzjoni tal-EED ((UE) 2023/1791), il-Kummissjoni hija meħtieġa tipprovdi gwida għall-Istati Membri u għall-atturi tas-suq dwar kif għandhom jisfruttaw l-investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika. Il-gwida għandha tgħin lill-Istati Membri u lill-atturi tas-suq biex jiżviluppaw u jimplimentaw l-investimenti tagħhom fl-effiċjenza enerġetika, kemm fi ħdan kif ukoll barra mid-diversi programmi tal-Unjoni, u għandha tipproponi mekkaniżmi finanzjarji u soluzzjonijiet ta' finanzjament innovattivi adegwati, b'taħlita ta' għotjiet, strumenti finanzjarji u assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti, biex tespandi l-inizjattivi eżistenti u tuża l-programmi tal-Unjoni bħala katalista biex tingrana u tiskatta l-finanzjament privat.

(21) Din ir-Rakkomandazzjoni hija akkumpanjata minn Anness dettaljat b'eżempji ta' azzjonijiet, miżuri u linji gwida speċifiċi għall-implimentazzjoni permezz tal-istabbiliment ta' skemi ta' finanzjament li jistgħu jisfruttaw l-investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDAZZJONI:

L-Istati Membri u l-atturi tas-suq għandhom:

1. **Jistabbilixxu qafas ta' appoġġ għall-finanzjament pubbliku fit-tul għall-effiċjenza enerġetika**, u jingranaw b'mod partikolari r-rwol ta' faċilitajiet ta' finanzjament speċjalizzati ta' natura ċirkolanti u garanziji pubbliċi biex jiżdied l-aċċess għall-investimenti ta' finanzjament u ta' tnaqqis tar-riskji. Dan il-qafas ta' appoġġ għandu jipprovdi s-sinsla għall-iżvilupp ta' prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika u ta' skemi ta' finanzjament privat, u għandu jkun ibbażat fuq qafas regolatorju prevedibbli għall-effiċjenza enerġetika li jiżgura viżibbiltà politika fit-tul u jagħti spinta lill-fiduċja tal-investituri. Il-qafas għandu jieħu vantaġġ ukoll minn inċentivi regolatorji u fiskali biex jistimula t-titjib u l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika.

2. **Jistabbilixxu jew isaħħu l-fond nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika (NEEF, National Energy Efficiency Fund) jew faċilitajiet ekwivalenti** fil-livell nazzjonali jew reġjonali bħala l-istrument iddedikat biex jiffaċilita l-aċċess għal skemi ta' appoġġ għall-finanzjament pubbliku għall-effiċjenza enerġetika, li jgħaqqad flimkien flussi ta' finanzjament u għodod ta' finanzjament fi struttura organizzazzjonali unika. Faċilità bħal din għandha tissimplifika l-aċċess għall-finanzi, taggrega riżerva robusta ta' investiment fl-effiċjenza enerġetika u tippermetti l-kombinament ta' flussi multipli ta' finanzjament pubbliku u finanzjament privat f'operazzjoni unika. Faċilità bħal din tista' tvara, fost l-oħrajn, programmi ta' finanzjament immirati, garanziji pubbliċi, strumenti finanzjarji, appoġġ għall-assistenza teknika, l-iggruppar ta' kreditu għal finijiet ta' titolizzazzjoni u skemi ta' forfaiting u fatturament, u tikkontribwixxi għas-simplifikazzjoni tal-proċessi, ir-regoli u l-metodoloġiji relatati mal-effiċjenza enerġetika, kif ukoll għat-titjib tal-viżibbiltà u s-sensibilizzazzjoni kemm tal-iskemi ta' appoġġ finanzjarju kif ukoll tal-inċentivi finanzjarji għall-effiċjenza enerġetika. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom:

   — Jivvalutaw l-istat tal-iskemi ta' finanzjament tal-effiċjenza enerġetika f'pajjiżhom; u

   — Jiddeterminaw il-kapitalizzazzjoni tal-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika li qed jiġi stabbilit jew imsaħħaħ;

([14]) Ir-Rakkomandazzjonijiet Finali, il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar l-Effiċjenza Enerġetika, https://citizens.ec.europa.eu/document/download/52a3608d-662c-4b0e-b463-684a9dbef302_mt?filename=Final%20recommendations%20European%20Citizens%60%20Panel%20on%20Energy%20Efficiency.pdf.

3. **Jespandu l-istrumenti finanzjarji fit-tul u tas-soluzzjonijiet ta' finanzjament imħallat.** L-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw il-qafas ta' finanzjament nazzjonali eżistenti, bil-ħsieb li jistabbilixxu u jagħmlu użu minn soluzzjonijiet ta' finanzjament imħallta li jikkombinaw self b'imgħax baxx sa żero u garanziji pubbliċi f'operazzjoni waħda ma' diversi tipi ta' għotjiet — sussidji tar-rata tal-imgħax u tat-tariffi ta' garanzija, ribassi kapitali, għotjiet ta' assistenza teknika li flimkien jistgħu jappoġġaw l-iżvilupp ta' offerti ta' finanzjament privat, prodotti finanzjarji u strumenti ta' finanzjament innovattivi. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom:

— Jimmodulaw l-appoġġ għall-għotjiet ikkombinati biex inaqqsu r-riskju u l-ostakli għall-aċċess għall-finanzjament;

— Jingranaw in-natura tal-fondi ċirkolanti tal-istrumenti finanzjarji għall-effiċjenza enerġetika b'komponent ikkombinat tal-għotjiet;

— Jappoġġaw l-iżvilupp ta' veikoli finanzjarji speċifiċi għall-effiċjenza enerġetika; u

— Jimmassimizzaw l-użu tal-fondi u l-programmi baġitarji tal-UE biex ivaraw strumenti finanzjarji fuq skala kbira.

4. **Ivaraw faċilitajiet ta' assistenza għall-iżvilupp ta' proġetti u appoġġ għall-iżvilupp ta' "aggregaturi" ta' proġetti ta' effiċjenza enerġetika**. Dan jinkludi punti uniċi ta' servizz li jassistu liċ-ċittadini u lill-intrapriżi fl-iżvilupp u fl-aggregazzjoni ta' proġetti ta' investiment fl-effiċjenza enerġetika, kumpaniji ta' servizzi tal-enerġija kbar (super-ESCOs, Energy Service Companies), komunitajiet tal-enerġija, faċilitajiet ta' assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti u żviluppaturi tal-proġetti oħrajn. L-aggregaturi għandhom jiġu appoġġati biex jilħqu daqs kritiku, bl-objettiv li tiġi stabbilita sensiela robusta ta' investimenti bankabbli. L-Istati Membri huma mħeġġa jagħmlu użu mill-appoġġ tal-UE, pereżempju permezz tal-Faċilità tal-Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali (ELENA, European Local Energy Assistance), biex jistabbilixxu assistenza teknika nazzjonali jew reġjonali u faċilitajiet ta' assistenza għall-iżvilupp tal-proġetti.

5. **Jipparteċipaw b'mod proattiv fil-Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika biex tippromwovi kooperazzjoni aktar mill-qrib u effettiva mal-istituzzjonijiet finanzjarji**. Dan jinkludi l-iżvilupp taċ-ċentri nazzjonali tagħha, id-definizzjoni tal-mandati u l-programmi ta' ħidma tagħhom. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom:

— Jistabbilixxu sħubijiet biex jgħinu lill-banek kummerċjali jingranaw aħjar il-kobenefiċċji finanzjarji tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika; u

— Jappoġġaw u jitolbu lill-istituzzjonijiet finanzjarji joffru għażliet ta' finanzjament faċli għall-klijent għall-effiċjenza enerġetika.

6. **Jagħmlu l-aħjar użu mill-inċentivi fiskali biex jimmobilizzaw l-investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika**. Prijorità ewlenija għandha tkun li jitneħħew il-miżuri fiskali u s-sussidji li ma jinċentivawx l-investimenti fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika, bħal dawk li jagħmlu lock-in tat-teknoloġiji bbażati fuq il-fjuwils fossili u li ma humiex effiċjenti fl-użu tal-enerġija u li jiġu evitati miżuri fiskali li jimmiraw imposti fiskali ogħla l-kobenefiċċji ekonomiċi tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jintroduċu inċentivi fiskali pożittivi u miżuri tat-taxxa biex jimmobilizzaw l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika.

7. **Jippromwovu l-iżvilupp u l-adozzjoni ta' prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika u finanzjament privat permezz ta' ftehimiet ta' kreditu**. Dawn jinkludu l-użu ta' garanziji pubbliċi, miżuri oħra ta' tnaqqis tar-riskji, inċentivi tat-taxxa, it-tisħiħ tar-rwol tas-settur bankarju u valwazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija fil-valutazzjonijiet tal-affidabbiltà kreditizja. F'konformità mar-riformulazzjoni tal-EED ((UE) 2023/1791), jiżguraw li l-prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika jiġu offruti b'mod wiesa' u mhux diskriminatorju mill-istituzzjonijiet finanzjarji, jiġifieri li jiġu promossi bi tqabbil ma' prodotti finanzjarji tradizzjonali meta dan jissodisfa l-aħjar interessi tal-klijenti potenzjali, u jkunu viżibbli u aċċessibbli għall-konsumaturi, inkluż permezz ta' appoġġ minn atturi ta' partijiet terzi u awtoritajiet pubbliċi. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom:

— Jippermettu lill-assoċjazzjonijiet ta' sjieda konġunta jieħdu self b'mod konġunt biex jiffinanzjaw investimenti fl-effiċjenza enerġetika; u

— Jipprovdu assistenza teknika u pariri lill-istituzzjonijiet ta' finanzjament biex jibnu l-kapaċità neċessarja għall-uffiċjali tas-self biex jikkummerċjalizzaw prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika.

L-atturi tas-suq għandhom:

— Jiżviluppaw u jikkummerċjalizzaw prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika; u

— Jipprovdu soluzzjonijiet ta' finanzjament u ta' self li jkunu faċli għall-klijenti għall-effiċjenza enerġetika f'konformità mal-Artikolu 30 tal-EED.

8. **Jippermettu l-qafas regolatorju meħtieġ u jappoġġaw l-iżvilupp ta' skemi ta' finanzjament innovattivi.** Skemi bħall-finanzjament fuq it-taxxa u l-finanzjament fuq il-kont għandhom jiġu żviluppati billi l-awtoritajiet pubbliċi rilevanti jitħallew jużaw it-taxxi u imposti oħra bħala vetturi għall-ħlas lura tad-dejn, billi jiġu involuti l-utilitajiet u d-distributuri tal-enerġija fil-finanzjament tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika u jiġi permess il-ħlas lura tad-dejn permezz tal-kontijiet tal-enerġija. U billi jagħmluha possibbli li d-dejn ikun marbut ma' proprjetà u ttrasferit bis-sjieda ta' proprjetà. Speċifikament, l-Istati Membri għandhom:

— Jivvalutaw jekk il-qafas nazzjonali jippermettix l-iżvilupp ta' skemi ta' finanzjament fuq it-taxxa u finanzjament fuq il-kont;

— Jistabbilixxu d-dritt tal-utilitajiet tal-enerġija li jipprovdu finanzjament għall-effiċjenza enerġetika;

— Jistabbilixxu proċeduri biex jiżguraw il-ħlas lura permezz ta' taxxi relatati mal-proprjetà u t-trasferiment tad-dejn flimkien mas-sjieda;

— Jiżguraw biżżejjed likwidità fl-entitajiet ta' implimentazzjoni (eż. utilitajiet, ESCOs), u/jew jistabbilixxu fondi ta' garanzija u ta' appoġġ nazzjonali jew lokali biex jiksbu skala;

L-atturi tas-suq għandhom:

— Jiżviluppaw u jikkummerċjalizzaw skemi ta' finanzjament fuq il-kont għall-effiċjenza enerġetika, billi jiffavorixxu l-kooperazzjoni bejn l-utilitajiet tal-enerġija u l-kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija.

9. **Ineħħu l-ostakli u jespandu l-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika permezz ta' ftehimiet ta' servizz u jrawmu suq għas-servizzi tal-enerġija**. Eżempji jinkludu l-appoġġ għat-titjib fl-effiċjenza enerġetika permezz ta' spejjeż operazzjonali (OPEX, operational expenditures), it-tneħħija ta' ostakli amministrattivi u ostakli għall-iżvilupp tas-suq tal-ESCOs, l-ingranaġġ ta' strumenti bbażati fuq il-prestazzjoni bħall-ikkuntrattar għar-rendiment fl-użu tal-enerġija u soluzzjonijiet innovattivi oħra ta' servizzi tal-enerġija. L-Istati Membri u l-atturi tas-suq għandhom:

— Jużaw l-appoġġ tal-baġit pubbliku tal-UE u dak nazzjonali biex jiżviluppaw is-suq tal-ESCOs, billi jiffaċilitaw il-finanzjament għall-ESCOs u għall-veikoli bi skop speċjali tal-effiċjenza enerġetika;

— Jippromwovu r-rwol tal-ESCOs u modalitajiet ta' kuntrattar ġodda, bħal effiċjenza enerġetika bħala servizz u kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija, bħala pilastru tal-politika nazzjonali dwar l-effiċjenza enerġetika;

— Jippromwovu l-aġġornament ta' oqfsa leġiżlattivi u ta' offerti pubbliċi biex jirrikonoxxu u jiffaċilitaw b'mod espliċitu l-finanzjament tal-ESCOs u l-ikkuntrattar għar-rendiment fl-użu tal-enerġija; u

— Jappoġġaw il-varar ta' infrastruttura avvanzata tal-kejl li tista' timmonitorja l-flussi u l-iffrankar tal-enerġija awtomatikament.

L-atturi tas-suq għandhom:

— Jingranaw l-appoġġ pubbliku u tas-suq uniku tal-UE biex irawmu suq vibranti għall-effiċjenza enerġetika bħala servizz, inkluż bejn il-fruntieri interni tal-UE; u

— Jiżviluppaw sħubijiet bejn il-fornituri tat-teknoloġija, id-distributuri tal-enerġija u l-kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija u l-istituzzjonijiet finanzjarji.

10. **Ivaraw garanziji pubbliċi fit-tul u għodod oħra għat-tnaqqis tar-riskji biex jiżdied l-aċċess għal finanzjament privat għall-effiċjenza enerġetika** Dawn huma kruċjali biex jittejjeb l-argument għall-vijabbiltà għall-effiċjenza enerġetika billi jitnaqqas ir-riskju ġenerali tal-investiment, billi jiġi pprovdut appoġġ għat-titjib tal-kreditu biex jiżdied l-aċċess għall-finanzjament għal swieq u segmenti tal-popolazzjoni speċifiċi, u billi jiġu sostnuti rati tal-imgħax aktar kompetittivi. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom jidentifikaw riskji u diffikultajiet speċifiċi għall-pajjiż fl-aċċess għall-finanzjament għall-parteċipanti fis-suq;

11. **Jippromwovu opportunitajiet ta' finanzjament mill-ġdid u jiffavorixxu l-iżvilupp tas-suq sekondarju għall-effiċjenza enerġetika** ma' istituzzjonijiet finanzjarji privati. Tali faċilitajiet jistgħu jappoġġaw l-iskemi ta' forfaiting u fatturament għall-kuntratti ta' rendiment fl-użu tal-enerġija tal-ESCOs, jiġbru flimkien ir-riċevibbli tal-effiċjenza enerġetika minn oriġinaturi ta' self differenti għal finijiet ta' titolizzazzjoni u jiffaċilitaw il-ħolqien ta' super-ESCOs jew strutturi simili li huma intermedji bejn l-ESCOs u l-investituri istituzzjonali. Barra minn hekk, l-Istati Membri u l-atturi tas-suq għandhom:

— Jixprunaw l-iżvilupp tas-suq tal-bonds ekoloġiċi fil-kuntest nazzjonali tagħhom; u

— Jistabbilixxu u jsaħħu djalogu ddedikat mal-istituzzjonijiet finanzjarji dwar l-iżvilupp ta' suq sekondarju għall-effiċjenza enerġetika; u

— Jappoġġaw l-istabbiliment ta' faċilitajiet iddedikati ta' rifinanzjament tal-effiċjenza enerġetika.

12. **Itejbu l-ġbir tad-data dwar l-effiċjenza enerġetika.** Dan jinkludi d-data dwar ir-rendiment finanzjarju tal-investiment fl-effiċjenza enerġetika u d-data biex jiġu appoġġati l-miżuri ta' monitoraġġ u ta' verifika tal-iffrankar tal-enerġija. L-Istati Membri u l-atturi tas-suq għandhom jappoġġaw l-iżvilupp, l-armonizzazzjoni, l-istandardizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-metodoloġiji tal-klassifikazzjoni tal-proġetti, inklużi l-valwazzjoni tal-benefiċċji mhux tal-enerġija u l-miżuri ta' monitoraġġ u ta' verifika tal-iffrankar tal-enerġija li huma kruċjali biex jiżdiedu l-fiduċja u ċ-ċertezza tal-investituri u jiġi żgurat il-valur monetarju tal-iffrankar tal-enerġija bħala komodità negozjabbli.

Fl-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni, l-Istati Membri u l-atturi tas-suq għandhom jagħtu kunsiderazzjonijiet xierqa lill-Anness ta' din ir-Rakkomandazzjoni li jipprovdi linji gwida dettaljati dwar miżuri ta' politika u ta' finanzjament speċifiċi għall-mobilizzazzjoni tal-investiment privat fl-effiċjenza enerġetika, inklużi azzjonijiet speċifiċi rakkomandati, sfond motivat u eżempji ta' każijiet ta' użu b'suċċess.

Magħmul fi Brussell, l-10 ta' Marzu 2026.

*Għall-Kummissjoni*
Dan JØRGENSEN
*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS*

## 1. INTRODUZZJONI

Dan l-Anness tar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni dwar l-iżblukkar tal-investiment privat fl-effiċjenza enerġetika (ir-Rakkomandazzjoni) jipprovdi dettalji dwar miżuri speċifiċi ta' politika u finanzjament għall-mobilizzazzjoni ta' investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika. Jidentifika passi ewlenin u jipprovdi eżempji ta' każijiet ta' suċċess bil-għan li jappoġġa lill-Istati Membri fl-istabbiliment ta' azzjonijiet konkreti u skemi ta' finanzjament.

Dawn il-miżuri huma strutturati f'żewġ taqsimiet skont iż-żewġ xprunaturi interkonnessi biex jiżblukkaw l-investimenti privati:

(1) l-attivazzjoni u l-aggregazzjoni tad-domanda għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika;

(2) it-titjib tal-provvista ta' offerti ta' finanzjament għall-effiċjenza enerġetika, it-tnaqqis tar-riskji fl-investimenti u l-opportunitajiet ta' rifinanzjament.

L-ewwel taqsima tirrigwarda r-rakkomandazzjonijiet 2 sa 6 tat-test prinċipali, filwaqt li t-tieni taqsima tirrigwarda r-rakkomandazzjonijiet 7 sa 12. L-**ewwel rakkomandazzjoni** dwar l-istabbiliment ta' qafas ta' appoġġ għall-finanzjament pubbliku fit-tul għall-effiċjenza enerġetika hija prerekwiżit għall-iżvilupp ta' azzjonijiet addizzjonali li jistgħu jimmobilizzaw aktar l-investiment privat u, b'mod ġenerali, l-argument għall-vijabbiltà tal-effiċjenza enerġetika.

Minħabba d-differenzi regolatorji u ta' governanza eżistenti bejn l-Istati Membri u l-prattiki ta' finanzjament differenti tagħhom għall-effiċjenza enerġetika u l-iżvilupp ta' offerti ta' finanzjament privat għall-effiċjenza enerġetika, ir-rakkomandazzjonijiet f'dan l-Anness se jkollhom jitfasslu skont il-qafas nazzjonali u reġjonali speċifiku tal-effiċjenza enerġetika u l-governanza ta' kull Stat Membru.

Biex tiżviluppa r-Rakkomandazzjoni, u bħala parti mir-rapport konġunt relatat dwar il-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika fl-Ewropa – evalwazzjoni tal-infiq pubbliku għall-effiċjenza enerġetika, il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-awtoritajiet nazzjonali, identifikat u vvalutat aktar minn 400 skema ta' finanzjament pubbliku li jappoġġaw investimenti fl-effiċjenza enerġetika madwar is-27 Stat Membru tal-UE, inklużi skemi kofinanzjati mill-UE ([1]). Skont ir-rapport konġunt, l-Istati Membri jużaw b'mod predominanti forom ta' skemi ta' finanzjament mhux ripagabbli biex jappoġġaw l-effiċjenza enerġetika. Soluzzjonijiet alternattivi li jiffokaw fuq forom ta' skemi ta' finanzjament ripagabbli u li jistgħu jattiraw aħjar investiment privat huma inqas komuni. Ir-rapport konġunt jinnota li l-investiment annwali meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-2030 huwa ta' EUR 370 biljun fis-sena għall-perjodu 2021-2030 u li d-diskrepanza fl-investiment prevista biex jintlaħqu l-miri tal-effiċjenza enerġetika tammonta għal madwar EUR 170 biljun fis-sena. Dan irid ikun relatat mar-riżorsi baġitarji tal-UE għall-effiċjenza enerġetika li żdiedu b'491 % fil-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2021-2027 meta mqabbel mal-perjodu 2014-2020, jiġifieri minn EUR 26,5 għal 156,6 biljun fejn il-maġġoranza l-kbira ta' din iż-żieda ġejja mill-faċilità għall-irkupru u r-reżiljenza ("RRF, recovery and resilience facility"). Ir-rapport jikkonkludi li r-riżorsi tal-baġit pubbliku tal-UE u nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika huma fundamentali iżda jistgħu jkopru biss sehem limitat (14,4 %) tad-diskrepanza fl-investiment. Għalhekk, l-effett katalitiku tal-finanzjament pubbliku għandu jiġi sfruttat bis-sħiħ, billi jiżdiedu l-effettività u l-effiċjenza tiegħu sabiex jinkiseb iffrankar ogħla tal-enerġija u jiġi attirat aktar kapital privat.

## 2. ATTIVAZZJONI U AGGREGAZZJONI TAD-DOMANDA GĦALL-INVESTIMENTI FL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA

L-attivazzjoni u l-aggregazzjoni tad-domanda għall-investiment huma l-pass ewlieni għall-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika. Għalhekk, l-iżvilupp ta' riżervi ta' investiment robusti u l-istimulazzjoni tad-domanda għall-effiċjenza enerġetika huma meħtieġa biex tiżdied l-attraenza ta' tali strumenti għall-investituri privati. L-Istati Membri tal-UE għandhom rwol ewlieni x'jaqdu fl-attivazzjoni u l-aggregazzjoni tad-domanda għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika. Il-kapitlu ta' hawn taħt jirrelata mar-rakkomandazzjonijiet 2 sa 6 tat-test prinċipali.

### 2.1. Rakkomandazzjoni 2: L-istabbiliment jew it-tisħiħ tal-Fond nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika jew ta' faċilitajiet ekwivalenti

L-aggregazzjoni ta' flussi ta' finanzjament differenti u assistenza teknika u finanzjarja f'Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika (NEEF, National energy efficiency fund), jew faċilità ekwivalenti, bħal Bank promozzjonali nazzjonali, hija essenzjali biex tappoġġa l-implimentazzjoni ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika u biex twettaq il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri għall-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-UE għall-2030. Tali fond jista' jgħin biex itejjeb il-koordinazzjoni nazzjonali u l-appoġġ ċentralizzat għall-finanzjament, biex jiġbor flimkien l-għarfien espert dwar il-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika, u jiffaċilita t-taħlit ta' skemi ta' finanzjament differenti u sorsi ta' appoġġ finanzjarju pubbliku u jaggrega aħjar ir-riżervi ta' investiment, billi jallinja r-regoli dwar l-eliġibbiltà, il-monitoraġġ u l-verifika.

---

([1]) Ir-Rapport tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar il-finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika fl-Ewropa: Valutazzjoni tal-infiq pubbliku għall-effiċjenza enerġetika u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija COM(2026)118.

Ir-rwol tal-Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika fil-kontribut għall-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-UE huwa stabbilit fl-Artikolu 30 tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza fl-Enerġija (EED, Energy Efficiency Directive) riformulata ([2]). L-Artikolu 30 tal-EED jipprevedi wkoll l-għażla li jiġu ssodisfati xi wħud mir-rekwiżiti tal-effiċjenza enerġetika permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja għall-fond nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika ([3]).

Mill-2024, 16 minn 27 Stat Membru kellhom fond nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika jew entità simili ([4]) fis-seħħ. Madankollu, dawn il-faċilitajiet nazzjonali ta' finanzjament ivarjaw ħafna f'termini ta' volum ta' finanzjament u tip ta' appoġġ finanzjarju pprovdut, b'ħafna jidhru inattivi jew mhux sfruttati biżżejjed.

L-istabbiliment jew it-tnedija mill-ġdid ta' Fond nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika, jew simili, huwa pass ewlieni lejn it-titjib tal-qafas ta' finanzjament nazzjonali u l-ftuħ tal-investiment privat fl-effiċjenza enerġetika. Tali entità dedikata tista' ttejjeb il-koordinazzjoni u l-aggregazzjoni tal-istrumenti u l-mekkaniżmi ta' finanzjament, billi tiġbor flimkien ir-riżorsi pubbliċi u tvara soluzzjonijiet ta' finanzjament imħallat, billi tisfrutta l-kombinament ta' għotjiet u self għal investimenti speċifiċi. Barra minn hekk, billi jiġbor flimkien l-għarfien espert tekniku u finanzjarju, tali fond jista' jipprovdi appoġġ ta' assistenza teknika għal proġetti ta' effiċjenza enerġetika fuq skala kbira u jmexxi soluzzjonijiet ta' finanzjament innovattivi għall-effiċjenza enerġetika.

Ostaklu ewlieni għall-varar ta' finanzjament imħallat għall-effiċjenza enerġetika huwa n-nuqqas ta' koordinazzjoni bejn programmi ta' għotjiet u strumenti finanzjarji bħal self favorevoli, garanziji pubbliċi jew soluzzjonijiet oħra ta' tnaqqis tar-riskji. L-għotjiet spiss jeskludu strumenti finanzjarji oħra, speċifikament meta l-linji bejn mekkaniżmi ta' appoġġ mhux ripagabbli u ripagabbli ma jkunux demarkati b'mod ċar. Il-ġbir flimkien tar-riżorsi u l-għarfien espert f'entità waħda, ġdida jew diġà eżistenti, fil-livell nazzjonali, jista' jippermetti koordinazzjoni aħjar bejn flussi ta' finanzjament differenti, inkluż billi jiġu allinjati r-regoli u l-proċeduri għall-valutazzjoni tal-eliġibbiltà tal-miżuri, għall-monitoraġġ u għall-verifika tal-iffrankar tal-enerġija miksub. F'ħafna każijiet, it-titjib u s-simplifikazzjoni tal-oqfsa ta' appoġġ nazzjonali għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika jistgħu jnaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet, iżidu t-trasparenza u jipprovdu viżibilità fit-tul għall-partijiet ikkonċernati tal-industrija u l-istituzzjonijiet finanzjarji fis-suq nazzjonali tal-effiċjenza enerġetika, u b'hekk l-argument għall-vijabbiltà tal-effiċjenza enerġetika jsir aktar attraenti.

Barra minn hekk, il-ġbir flimkien tal-għarfien espert fil-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika f'fond nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika jista' jżid il-koordinazzjoni fil-ġbir tad-data dwar l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u l-kooperazzjoni ma' istituzzjonijiet finanzjarji privati. Jista' wkoll jipprovdi feedback immirat lil dawk li jfasslu l-politika fuq livell nazzjonali u Ewropew dwar iż-żieda fl-investimenti fl-effiċjenza enerġetika. Ir-rwol ta' koordinazzjoni u ġbir ta' informazzjoni tal-Fond nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika jimxi id f'id mal-promozzjoni ta' sħubijiet fil-livell nazzjonali bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-industrija tal-effiċjenza enerġetika biex jikkoordinaw aħjar l-inċentivi pubbliċi u l-iskemi ta' appoġġ b'soluzzjonijiet ta' finanzjament privat. Tali sħubijiet jistgħu jsiru wkoll fil-kuntest taċ-ċentri nazzjonali stabbiliti fi ħdan il-Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika ([5]).

F'dan l-isfond, l-azzjonijiet ewlenin biex jappoġġaw l-aggregazzjoni tal-flussi ta' finanzjament tal-effiċjenza enerġetika u l-għarfien espert fil-finanzjament huma:

— **Il-valutazzjoni tal-istat tal-iskemi ta' finanzjament tal-effiċjenza enerġetika** fil-pajjiż, biex jiġi stabbilit jekk iż-żieda fl-aggregazzjoni tar-riżorsi ta' finanzjament u l-koordinazzjoni tal-appoġġ finanzjarju pubbliku jistgħux inaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet, filwaqt li jżidu l-attraenza u l-viżibbiltà tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika għall-investituri privati.

([2]) Fond nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika (NEEF), kif stabbilit fl-Artikolu 30(12) tar-riformulazzjoni tal-EED, huwa definit bħala l-entità li tappoġġa l-implimentazzjoni nazzjonali ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika u li twassal għall-kisba tal-kontribuzzjoni nazzjonali għall-miri tal-effiċjenza enerġetika tal-UE għall-2030.

([3]) Għal aktar informazzjoni dwar kif l-Istati Membri jistgħu jużaw l-opzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja, jekk jogħġbok irreferi għar-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2023 dwar it-traspożizzjoni tal-Artikolu 30 dwar il-fondi nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika, għall-finanzjament u għall-appoġġ tekniku tad-Direttiva (UE) 2023/1791 dwar l-effiċjenza enerġetika (riformulazzjoni EED) (ĠU C, C/2023/1553, 19.12.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2023/1553/oj), (C/2023/1553), li tipprovdi aktar dettalji dwar l-għażliet ta' politika għall-istabbiliment ta' fondi nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika u dwar l-għażliet ta' kontribuzzjoni finanzjarja għall-fond nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika biex tinkiseb parti mill-obbligi tal-effiċjenza enerġetika.

([4]) Is-16-il Stat Membru li stabbilew Fond Nazzjonali għall-Effiċjenza Enerġetika jew entità simili huma l-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Ġermanja, Spanja, il-Kroazja, l-Italja, l-Irlanda, Ċipru, il-Latvja, il-Litwanja, Malta, in-Netherlands, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovenja u s-Slovakkja.

([5]) Il-Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika hija inizjattiva tal-Kummissjoni, li tiġbor flimkien il-pajjiżi tal-UE, l-istituzzjonijiet finanzjarji u l-partijiet ikkonċernati rilevanti, biex jiġu identifikati azzjonijiet biex jittejjeb b'mod konkret il-finanzjament privat għall-effiċjenza enerġetika. Għal aktar informazzjoni: https://energy.ec.europa.eu/topics/energy-efficiency/financing/european-energy-efficiency-financing-coalition_mt.

— **L-istabbilment ta' fond nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika jew entità simili jew it-tisħiħ ta' dik eżistenti**. Il-fond għandu jingħata mandat ċar biex jimmobilizza l-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika f'diversi setturi, inkluż għar-rinnovazzjoni tal-istokk ta' djar eżistenti u l-adattament tal-bini fi proġetti ta' djar effiċjenti fl-użu tal-enerġija. Dan jista' jinkiseb billi tinħoloq struttura ddedikata b'mandat speċifiku biex timmobilizza investimenti fl-effiċjenza enerġetika, fi ħdan jew barra minn korpi eżistenti li jippromwovu investimenti kapitali, għall-ġestjoni tal-appoġġ finanzjarju pubbliku tal-UE u nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-istruttura jkollha l-kompetenza meħtieġa biex twettaq il-mandat tagħha b'mod effettiv.

— **Id-determinazzjoni tal-kapitalizzazzjoni tal-fond nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika,** billi jiġi fdat bil-finanzjament ta' programmi nazzjonali fit-tul għall-effiċjenza enerġetika; l-iżvilupp ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament imħallat; u l-għoti ta' assistenza teknika għall-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika. Il-fond jista' jiġi kapitalizzat permezz ta' diversi mezzi, inkluż permezz ta' baġit pubbliku u programmi ta' appoġġ pubbliku tal-UE/nazzjonali; riċevibbli mill-istrumenti finanzjarji fit-tul tiegħu għall-effiċjenza enerġetika; dħul minn irkanti ta' ċertifikati tal-iffrankar tal-enerġija taħt skemi nazzjonali ta' obbligi b'rabta mal-effiċjenza enerġetika (EEOS, energy efficiency obligations schemes); kwoti tal-emissjonijiet skont is-sistema tal-UE għall-iskambju ta' kwoti tal-emissjonijiet; in-negozjar tal-kwoti tal-emissjonijiet; jew l-ingranaġġ ta' finanzjament privat fis-swieq kapitali, bħat-trasferiment ta' riċevibbli ta' ffrankar tal-enerġija lil investituri istituzzjonali attivi fis-suq sekondarju.

— **Iż-żieda fl-irwol tal-fond nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika jew entità simili** fl-għoti ta' assistenza teknika għal proġetti ta' investiment fuq skala kbira; il-ġbir tad-data; il-valutazzjoni tal-iżvilupp tas-suq u l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika; u l-għoti ta' pariri esperti dwar strumenti finanzjarji, soluzzjonijiet u politika ta' finanzjament innovattivi, inkluż permezz taċ-ċentri nazzjonali tal-Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika.

Eżempji ta' suċċess ta' fondi nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika jinkludu ALTUM ([6]) fil-Latvja, li jaggrega l-appoġġ u l-għarfien espert għall-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika fi ħdan faċilità nazzjonali eżistenti, u l-Fond Nazzjonali Spanjol għall-Effiċjenza Enerġetika ([7]), li ġie stabbilit biex iwettaq l-obbligi nazzjonali għall-iffrankar tal-enerġija filwaqt li jespandi l-attivitajiet tagħhom.

### 2.2. Rakkomandazzjoni 3: Żieda fl-iskala tal-istrumenti finanzjarji fit-tul u s-soluzzjonijiet ta' finanzjament imħallat

Bħala parti mir-rapport dwar il-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika fl-Ewropa, il-Kummissjoni stħarrġet il-livell ta' finanzjament tal-effiċjenza enerġetika madwar l-Istati Membri tal-EU-27, u vvalutat l-iskemi eżistenti ta' finanzjament tal-effiċjenza enerġetika, kemm dawk iffinanzjati mill-UE kif ukoll nazzjonalment. Minn 426 skema ta' finanzjament tal-effiċjenza enerġetika identifikati madwar l-Istati Membri tal-EU-27 fil-perjodu 2014-2024, 25 % biss varaw strumenti finanzjarji, inkluż appoġġ ta' finanzjament imħallat li jikkombina għotjiet u self f'operazzjoni waħda. Il-75 % li fadal kienu skemi mhux ripagabbli bħal għotjiet u krediti tat-taxxa. F'numru żgħir biss ta' Stati Membri l-istrumenti finanzjarji u s-soluzzjonijiet ta' finanzjament imħallat jirrappreżentaw aktar minn 30 % tal-appoġġ finanzjarju pubbliku għall-effiċjenza enerġetika.

Filwaqt li l-iskemi bbażati fuq għotjiet, il-krediti tat-taxxa u forom oħra ta' sussidji mhux ripagabbli mhux neċessarjament jipprevjenu l-mobilizzazzjoni ta' investimenti privati, ħafna drabi jkollhom fatturi ta' ingranaġġ aktar baxxi u rati ta' intensità ta' għotjiet ogħla meta mqabbla ma' strumenti finanzjarji u soluzzjonijiet ta' finanzjament imħallat. Dan jista' jwassal biex il-kapital privat jiġi eskluż mill-finanzjament għall-effiċjenza enerġetika. Barra minn hekk, il-programmi ta' għotjiet u sussidji li jibbażaw ħafna fuq il-kapaċità fiskali tal-Istati Membri u l-kontribuzzjonijiet tal-baġit tal-UE jistgħu jirriżultaw f'approċċ "intermittenti", u dan ifixkel l-iżvilupp ta' suq tal-effiċjenza enerġetika li qed jirnexxi. Barra minn hekk, meta mqabbla ma' strumenti finanzjarji u soluzzjonijiet ta' finanzjament imħallat, il-programmi bbażati fuq għotjiet u krediti tat-taxxa ma jingranawx is-swieq kapitali u l-parteċipazzjoni ta' investituri privati, iżda ħafna drabi jibbażaw

([6]) ALTUM, kumpanija statali tal-Latvja, tipprovdi lill-kumpaniji u lill-familji aċċess għal riżorsi finanzjarji permezz ta' self, garanziji u investimenti f'fondi ta' kapital ta' riskju. Il-finanzjament għall-implimentazzjoni ta' programmi ta' appoġġ statali jinkludi kemm fondi tal-UE u finanzjament pubbliku nazzjonali kif ukoll finanzjament miġbur minn ALTUM minn istituzzjonijiet internazzjonali u swieq kapitali. ALTUM għandu rwol kruċjali fl-appoġġ tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, billi jaggrega l-appoġġ finanzjarju għal individwi privati u intrapriżi, li jindirizza kemm l-effiċjenza enerġetika fil-bini kif ukoll fl-industrija, b'appoġġ ikkombinat magħmul minn programmi ta' għotjiet, self favorevoli, garanziji pubbliċi u assistenza teknika. Għal aktar informazzjoni: https://www.altum.lv/en/.

([7]) Il-Fond Nazzjonali Spanjol għall-Effiċjenza Enerġetika (FNEE, Fondo Nacional de Eficiencia Energética) jiffinanzja inizjattivi nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika, f'konformità mal-Artikolu 30 tal-EED. Il-FNEE, li ġie stabbilit fl-2014, huwa mmexxi mill-Istitut tad-Diversifikazzjoni u tal-Ekonomiji tal-Enerġija (IDAE, Instituto para la Diversificación y Ahorro de la Energía), f'isem il-Ministeru għat-Tranżizzjoni Ekoloġika u l-Isfida Demografika. L-FNEE jipprovdi appoġġ ekonomiku u finanzjarju, assistenza teknika, taħriġ u informazzjoni bil-għan li jżid l-effiċjenza enerġetika f'diversi setturi u l-kontribut tagħhom għall-mira nazzjonali tal-iffrankar tal-enerġija skont l-Artikolu 8 tal-EED. L-FNEE huwa parti mis-Sistema Nazzjonali Spanjola ta' Obbligu għall-Effiċjenza Enerġetika li taħtha l-partijiet obbligati (kumpaniji tal-kummerċjalizzazzjoni tal-gass u tal-elettriku, operaturi bl-ingrossa ta' prodotti petroliferi u operaturi bl-ingrossa ta' gass likwifikat miż-żejt) huma assenjati obbligi nazzjonali annwali ta' ffrankar tal-enerġija. Biex jissodisfaw dawn l-obbligi, il-partijiet obbligati jridu jagħtu kontribuzzjoni finanzjarja minima annwali lill-FNEE. Il-bqija tal-obbligi jistgħu jiġu ssodisfati permezz tal-akkwist volontarju ta' ċertifikati tal-iffrankar tal-enerġija jew permezz ta' kontribuzzjoni finanzjarja addizzjonali għall-fond. Għal aktar informazzjoni: https://www.idae.es/ayudas-y-financiacion/fondo-nacional-de-eficiencia-energetica.

esklużivament fuq kofinanzjament privat mir-riżorsi proprji u t-tfaddil tal-benefiċjarji tal-għotjiet. Paradossalment, il-forma ta' finanzjament mhux ripagabbli toħloq ostaklu għall-aċċess għal dawk li ma għandhomx biżżejjed riżorsi proprji biex ikopru l-kofinanzjament meħtieġ, jew, fil-każ ta' skemi ta' krediti tat-taxxa, ma għandhomx introjtu taxxabbli għoli biżżejjed biex jibbenefikaw mill-iskema. Dan jista' jkollu impatti regressivi fuq il-politika fiskali, fejn l-aċċess għal sussidji pubbliċi jiżdied mal-introjtu taxxabbli.

Fl-istess ħin, l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika ħafna drabi huma mxekkla minn riskju għoli u aċċess diffiċli għall-finanzi. Dan jista' jiġri għal ċerti segmenti tas-suq, bħal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx, bini b'abitazzjonijiet multipli jew intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs, small and medium-sized enterprises), jew b'investimenti aktar ambizzjużi fl-iffrankar tal-enerġija jew il-varar ta' teknoloġiji ġodda. L-użu ta' appoġġ tal-għotjiet b'kombinament ma' self, flimkien ma' miżuri oħra ta' tnaqqis tar-riskji, bħal garanziji pubbliċi, jista' jnaqqas ir-riskji assoċjati.

Għalhekk, biex jattiraw aktar kapital privat għall-effiċjenza enerġetika filwaqt li jiżguraw aċċess wiesa' għal appoġġ finanzjarju fit-tul, l-Istati Membri għandhom **ivaraw strumenti finanzjarji fuq skala kbira, b'mod partikolari skemi ta' finanzjament imħallat fuq skala kbira li jikkombinaw għotjiet u strumenti finanzjarji, inklużi self u garanziji pubbliċi**. Dan jista' jinkiseb billi jiġu stabbiliti strumenti finanzjarji nazzjonali fit-tul għall-effiċjenza enerġetika biex jipprovdu opportunitajiet ta' finanzjament fit-tul, inkluż billi jiġu implimentati fondi rotanti u jiġi aġġustat l-appoġġ tal-għotjiet biex jintlaħqu l-ħtiġijiet tal-benefiċjarji fil-mira.

L-istabbiliment ta' strumenti finanzjarji fit-tul fuq skala kbira se jippermetti wkoll kollaborazzjoni ma' atturi tas-suq - istituzzjonijiet finanzjarji, kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija, finanzjament minn partijiet terzi u żviluppaturi ta' proġetti - u jipprovdi prospetti stabbli u fit-tul għall-massimizzazzjoni tal-kombinament ta' kontribuzzjonijiet pubbliċi u privati. Dawn l-istrumenti għandhom ikunu disponibbli għal setturi differenti u jistgħu jaħdmu bħala fondi rotanti, rifinanzjati regolarment permezz ta' fondi pubbliċi.

Dawn l-istrumenti għandhom jiġu kkombinati wkoll ma' appoġġ dedikat għall-assistenza teknika, sabiex jiġu żviluppati veikoli finanzjarji speċifiċi għall-effiċjenza enerġetika, li jisfruttaw il-parteċipazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji privati u kumpaniji ta' servizzi tal-enerġija (ESCOs, energy service companies), u soluzzjonijiet ta' finanzjament innovattivi, bħall-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika bħala servizz.

Biex jespandu b'mod effettiv l-istrumenti finanzjarji għall-effiċjenza enerġetika, is-self ripagabbli u favorevoli u l-garanziji pubbliċi għandhom jiġu kkombinati ma' appoġġ tal-għotjiet iddedikati, imfassla skont kriterji speċifiċi, bħall-ambitu tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika, is-segment tal-popolazzjoni fil-mira, jew it-tip ta' assi indirizzat (eż. bini bl-agħar rendiment u rinnovazzjonijiet ta' binja b'abitazzjonijiet multipli). Il-prijorità għandha tkun li jiġu stabbiliti soluzzjonijiet ta' finanzjament ikkombinati li jingranaw għotjiet pubbliċi biex jiġi żgurat aċċess għall-finanzjament u jitnaqqsu r-riskji ta' investimenti aktar ambizzjużi. Il-fondi nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika jew entitajiet simili jinsabu f'pożizzjoni tajba biex ivaraw tali strumenti finanzjarji fit-tul, billi jikkombinaw self jew garanziji ma' komponenti ta' għotjiet f'operazzjoni waħda ta' effiċjenza enerġetika.

Pereżempju, fi ħdan il-fondi tal-politika ta' koeżjoni, il-Kummissjoni u l-pjattaforma ta' servizz konsultattiv FI-Compass ([8]) tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI) żviluppaw mudell ippruvat għal strument finanzjarju għall-effiċjenza enerġetika b'komponent ta' għotja, fejn il-korp li jimplimenta l-istrument finanzjarju jagħti kemm il-komponent ta' self kif ukoll il-komponent ta' għotja tal-istrument finanzjarju.

Valur miżjud ewlieni tal-istrumenti finanzjarji li jikkombinaw self, garanziji, għotjiet, u assistenza teknika, huwa l-potenzjal tagħhom bħala fond rotanti u l-perspettiva fit-tul. L-espansjoni fl-użu ta' tali strumenti finanzjarji tipprovdi stabbiltà u prevedibbiltà, li jappoġġaw l-iżvilupp ta' suq tal-effiċjenza enerġetika li qed jirnexxi. Dan jippermetti lill-awtorità finanzjarja li tiġġestixxi l-istrumenti finanzjarji tinvesti mill-ġdid l-ammont li jrid jitħallas lura – ħlief għall-appoġġ tal-għotjiet u miżuri oħra ta' tnaqqis tar-riskji – f'investimenti ġodda fl-effiċjenza enerġetika. Għalkemm il-fond pubbliku li jipprovdi riżorsi lill-istrumenti finanzjarji se jeħtieġ rikapitalizzazzjoni perjodika, jista' kontinwament jinvesti mill-ġdid f'miżuri ġodda ta' effiċjenza enerġetika, u b'hekk il-fondi rotanti jsiru mudell promettenti għall-mobilizzazzjoni ta' investimenti privati.

F'dan l-isfond, l-azzjonijiet ewlenin biex jappoġġaw il-varar ta' strumenti finanzjarji u soluzzjonijiet ta' finanzjament imħallat għall-effiċjenza enerġetika huma:

**L-espansjoni b'mod konsiderevoli tal-użu ta' strumenti finanzjarji pubbliċi biex jiġu ffinanzjati investimenti fl-effiċjenza enerġetika** bħala parti mill-qafas ta' finanzjament nazzjonali u fi ħdan il-fond nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika, jew faċilità ekwivalenti, biex tipprovdi perspettiva ta' investiment fit-tul lill-katina tal-valur nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika u lill-benefiċjarji potenzjali.

([8]) Mudell Fi-Compass għal Strument Finanzjarju għall-Effiċjenza Enerġetika b'komponent ta' għotja (Mejju 2022): https://www.fi-compass.eu/library/how-to/model-financial-instrument-grant-component-support-energy-efficiency.

**L-istabbilment ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament imħallat li jikkombinaw self, garanziji pubbliċi u appoġġ tal-għotjiet f'operazzjoni waħda**. It-tnaqqis tal-ostakli għall-aċċess għall-appoġġ finanzjarju għall-effiċjenza enerġetika, jew billi jinħolqu strumenti finanzjarji b'komponent ta' għotja, jew billi jiġi ffaċilitat il-kombinament ta' flussi ta' finanzjament differenti li jipprovdu self, garanziji pubbliċi u appoġġ b'għotjiet għall-istess investiment fl-effiċjenza enerġetika.

**L-aġġustament tal-appoġġ tal-għotjiet ikkombinati biex jitnaqqas ir-riskju u l-ostakli għall-aċċess għall-finanzi** bbażati fuq fatturi bħal-livell ta' introjtu tal-familja, il-valur tal-assi fil-mira jew id-daqs tal-investiment. Pereżempju, l-appoġġ ikkombinat tal-għotjiet jista' jiżdied għal investimenti mmirati lejn unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u vulnerabbli, bini bl-agħar prestazzjoni, mikrointrapriżi u SMEs, jew investimenti mmirati lejn rinnovazzjonijiet enerġetiċi profondi ta' bini bl-agħar rendiment jew programmi ta' investiment fl-effiċjenza enerġetika fuq skala kbira li jwasslu għal iffrankar sinifikanti fl-enerġija.

**L-ingranaġġ tan-natura tal-fondi rotanti tal-istrumenti finanzjarji għall-effiċjenza enerġetika b'komponent ikkombinat tal-għotjiet**. Il-provvista ta' injezzjoni inizjali ta' kapital pubbliku u tippermetti lill-awtorità ta' finanzjament terġa' tinvesti l-ħlasijiet lura f'aktar miżuri ta' effiċjenza enerġetika b'kostijiet ulterjuri żero jew baxxi għall-baġit pubbliku, billi tipprovdi lill-faċilità ta' finanzjament b'perspettiva fit-tul.

**L-appoġġ għall-iżvilupp ta' veikoli finanzjarji speċifiċi għall-effiċjenza enerġetika,** billi jisfruttaw il-kooperazzjoni bejn is-suq tal-ESCO, l-istituzzjonijiet finanzjarji u s-sidien kbar tal-assi, bħal awtoritajiet pubbliċi, kumpaniji pubbliċi, inklużi fornituri ta' akkomodazzjoni pubblika, u kumpaniji kbar tal-proprjetà immobbli.

**Ir-rieżami tal-qafas nazzjonali ta' finanzjament eżistenti u l-permess li l-għotjiet, is-self u l-garanziji pubbliċi minn flussi differenti ta' finanzjament jiġu kkombinati f'investiment wieħed fl-effiċjenza enerġetika**. Dan se jneħħi l-ostakli eżistenti għall-finanzjament, bħall-eżistenza ta' regoli differenti dwar l-eliġibbiltà u l-pagamenti u koordinazzjoni interna limitata fil-varar ta' programmi ta' appoġġ għall-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika.

**Massimizzazzjoni tal-użu tal-fondi u l-programmi baġitarji tal-UE biex ivaraw strumenti finanzjarji fuq skala kbira.** Il-kunsiderazzjoni li jintużaw il-Fond Soċjali għall-Klima u d-dħul nazzjonali mis-Sistema tal-UE għall-Iskambju ta' Kwoti tal-Emissjonijiet (kemm l-ETS1 (EU Emissions Trading System) eżistenti kif ukoll l-ETS2 li ġejja) għal dan.

### 2.3. Rakkomandazzjoni 4: L-implimentazzjoni ta' faċilitajiet ta' assistenza għall-iżvilupp ta' proġetti u appoġġ għall-iżvilupp ta' "aggregaturi" ta' proġetti ta' effiċjenza enerġetika

Ostaklu ewlieni biex jiġi attirat investiment ta' kapital privat fl-effiċjenza enerġetika huwa l-attraenza, ħafna drabi limitata, tar-riżerva ta' investiment. Il-volum relattivament żgħir u n-natura frammentata tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika jagħmluhom aktar kumplessi u inqas attraenti għall-investituri privati meta mqabbla ma' investimenti oħra.

**Biex jiġu ingranati aktar investimenti ta' kapital privat, huwa essenzjali li tiġi indirizzata d-domanda għall-investiment u tittejjeb il-kwalità tar-riżerva ta' investiment fl-effiċjenza enerġetika**. L-Istati Membri għandhom jappoġġaw il-varar ta' (i) assistenza teknika għad-disinn ta' strumenti finanzjarji li jaggregaw proġetti ta' effiċjenza enerġetika fuq skala żgħira u rinnovazzjonijiet enerġetiċi u (ii) assistenza ddedikata għall-iżvilupp ta' proġetti biex tassisti lis-sidien tal-assi, l-awtoritajiet lokali, il-kumpaniji pubbliċi, il-proprjetà immobbli kummerċjali u l-intrapriżi fit-tfassil ta' proġetti ta' investiment fuq skala kbira.

Iċ-ċentralizzazzjoni tal-appoġġ għall-assistenza teknika għandha potenzjal sinifikanti biex taggrega l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u tistandardizza l-ġbir ta' data speċifika dwar ir-rendiment tal-enerġija u finanzjarja tagħhom. Dan jista' jagħmel il-proġetti tal-effiċjenza enerġetika aktar attraenti għall-investituri privati, u jinċentiva wkoll ir-rifinanzjament u t-titolizzazzjoni fis-suq sekondarju.

Ir-reputazzjoni tal-faċilitajiet tal-iżvilupp tal-proġetti u tal-assistenza teknika għandha rwol ewlieni biex tattira kapital privat, u tgħin lill-investituri privati jħossuhom aktar kunfidenti dwar l-affidabbiltà kreditizja tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika. Dawk il-faċilitajiet, flimkien ma' punti uniċi ta' servizz ta' konsulenza, jistgħu jaġixxu bħala ambaxxaturi tal-investiment fl-effiċjenza enerġetika fuq il-post, billi jindirizzaw il-kawżi ewlenin tad-domanda baxxa għall-investiment. Dawn jistgħu jinteraġixxu mal-awtoritajiet pubbliċi u l-intrapriżi lokali biex jippromwovu l-finanzjament ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika u t-taħlit ta' flussi ta' finanzjament differenti f'investimenti speċifiċi. Dawn jistgħu jgħinu wkoll biex jingħelbu r-riskji ta' investiment perċepiti minn investituri privati fil-kofinanzjament ta' proġetti ta' effiċjenza enerġetika bis-saħħa tal-fiduċja u r-reputazzjoni pprovduti mill-faċilità ta' assistenza teknika involuta fit-tħejjija tal-proġett. Fil-livell nazzjonali, l-entitajiet speċjalizzati fil-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika, bħall-fondi nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika jew simili, jista' jkollhom rwol importanti biex jgħollu l-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-proġetti ta' investiment, iżidu l-fiduċja tal-investituri u jattiraw investituri transfruntieri u speċjalizzati.

Ir-rwol ewlieni tal-assistenza teknika u l-faċilitajiet ta' assistenza għall-iżvilupp ta' proġetti jissemma wkoll fl-Artikolu 30(2) tar-riformulazzjoni tal-EED, li jirrikjedi li l-Kummissjoni tassisti lill-Istati Membri fl-istabbiliment ta' faċilitajiet ta' assistenza għall-iżvilupp ta' proġetti li jkunu jistgħu jespandu r-riżerva ta' investiment fl-effiċjenza enerġetika u jżidu l-fiduċja tal-investituri privati fl-investimenti fl-effiċjenza enerġetika u l-attraenza tagħhom. Il-Kummissjoni tipprovdi tali appoġġ permezz ta':

**il-faċilità ta' Assistenza Ewropea għall-Enerġija Lokali (ELENA, European Local Energy Assistance)** ([9]) implimentata mill-BEI f'isem il-Kummissjoni, li tinkludi appoġġ lill-Istati Membri biex **jistabbilixxu l-faċilitajiet ta' assistenza teknika tagħhom fil-livell nazzjonali u reġjonali, ibbażati fuq il-mudell ELENA**;

**is-subprogramm LIFE għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa**, li jipprovdi assistenza teknika għall-iżvilupp tal-proġetti (PDA, project development assistance) lill-iżviluppaturi tal-proġetti pubbliċi u privati biex jibnu għarfien espert tekniku, ekonomiku u legali għat-tnedija ta' riżervi ta' investiment sostenibbli fl-enerġija fuq skala kbira.

**il-Koeżjoni għat-Tranżizzjonijiet (C4T, Cohesion for Transitions)** ([10]) tipprovdi appoġġ espert lill-Istati Membri, lir-reġjuni u lill-awtoritajiet lokali tal-UE, u tgħinhom bl-implimentazzjoni tal-investimenti tal-Politika ta' Koeżjoni taħt l-Objettiv ta' Politika 2 (PO2, Policy Objective 2), inklużi dawk li jiffukaw fuq l-effiċjenza enerġetika. Is-servizzi ta' appoġġ jinkludu l-iżvilupp ta' strateġiji, it-titjib tal-monitoraġġ, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati, l-identifikazzjoni tal-opportunitajiet ta' finanzjament, l-appoġġ għat-tħejjija tas-sejħiet u l-bini tal-kapaċità.

**Il-pjattaforma Fi-compass** ([11]) toffri assistenza teknika lill-awtoritajiet ta' ġestjoni, billi tgħinhom iwettqu studji ta' fattibbiltà, valutazzjonijiet ex ante, studji ta' każijiet u xogħol preparatorju ieħor meħtieġ biex jiġu stabbiliti l-IFs.

**Iċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU** ([12]) **u inizjattivi bħal Assistenza Konġunta ta' Appoġġ għal Proġetti fir-Reġjuni Ewropej (JASPERS, Joint Assistance to Support Projects in European Regions)** ([13]) jipprovdu assistenza teknika lill-promoturi tal-proġetti (pubbliċi u privati), u jgħinuhom jiżviluppaw proġetti ta' rinnovazzjoni bankabbli.

Bl-istess mod, **il-punti uniċi ta' servizz għar-rinovazzjonijiet tad-djar u l-effiċjenza enerġetika fl-SMEs jista' jkollhom rwol kruċjali fl-espansjoni tad-domanda għall-investiment fl-effiċjenza enerġetika**. Jipprovdu pariri tekniċi, amministrattivi u finanzjarji lill-individwi u l-intrapriżi, u jgħinuhom jiżviluppaw proġetti ta' investiment fl-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari rinnovazzjonijiet enerġetiċi. L-Artikolu 22(6) tar-riformulazzjoni tal-EED u l-Artikolu 18(1) tar-riformulazzjoni tal-EPBD jirrikjedu li l-Istati Membri jistabbilixxu punti uniċi ta' servizz biex jappoġġaw lill-klijenti finali u lill-utenti finali, speċjalment lill-unitajiet domestiċi, lill-korpi pubbliċi, lill-SMEs u lill-mikrointrapriżi bi proġetti ta' effiċjenza enerġetika u ta' rinnovazzjoni tal-bini. Biex tappoġġa lill-Istati Membri f'dan ir-rigward, il-Kummissjoni qed toħroġ rakkomandazzjoni bi gwida prattika dwar l-istabbiliment u t-tħaddim ta' punti uniċi ta' servizz ([14]).

F'dan l-isfond, l-azzjonijiet ewlenin biex jiġi promoss l-użu tal-assistenza għall-iżvilupp ta' proġetti biex tiġi attivata r-riżerva ta' investiment huma:

— **Jiġu stabbiliti faċilitajiet nazzjonali ta' assistenza teknika u assistenza għall-iżvilupp ta' proġetti jew jiġu mmobilizzati dawk eżistenti** biex jiġi appoġġat l-iżvilupp ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika, tittejjeb ir-riżerva ta' investiment u tiżdied il-fiduċja tas-swieq kapitali fl-effiċjenza enerġetika. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu tali faċilitajiet fin-NEEFs tagħhom jew f'entitajiet simili, biex jiżviluppaw investimenti u strumenti finanzjarji fuq skala kbira fl-effiċjenza enerġetika u/jew veikoli finanzjarji speċjalizzati li jaggregaw għadd kbir ta' investimenti fuq skala żgħira fl-effiċjenza enerġetika, bħal għar-rinnovazzjonijiet tal-enerġija fil-bini.

— **Tintuża r-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni bi gwida prattika dwar l-istabbiliment u t-tħaddim ta' punti uniċi ta' servizz - servizzi ta' konsulenza u ta' assistenza għar-rinnovazzjonijiet tad-djar, il-mikrointrapriżi u l-SMEs**, biex jiġu żgurati appoġġ kontinwu u assistenza speċjalizzata liċ-ċittadini u n-negozji għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' proġetti ta' effiċjenza enerġetika.

— **Jiġi massimizzat l-użu ta' appoġġ fil-livell tal-UE, pereżempju permezz tal-faċilità ELENA** ([15]) **u s-subprogramm LIFE għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa (LIFE CET, LIFE Clean Energy Transition sub-programme)**, biex tistabbilixxi faċilitajiet nazzjonali ta' assistenza teknika, tappoġġa l-assistenza għall-iżvilupp ta' proġetti, u tiżviluppa skemi ta' finanzjament tal-effiċjenza enerġetika li jaggregaw diversi proġetti fuq skala żgħira.

([9]) ELENA tipprovdi għotjiet għat-tħejjija ta' programmi ta' investiment fl-iffrankar tal-enerġija. Tipprovdi sa 90 % tal-kostijiet tat-tħejjija. L-għotjiet tipikament ikunu fil-medda ta' bejn EUR 1 u 3 miljun u huma mmirati biex jappoġġaw lit-tim li jħejji l-investiment. L-appoġġ jinkludi l-ġestjoni tal-proġetti, studji ta' fattibbiltà, studji tekniċi / awditi tal-enerġija, appoġġ legali fil-livell tal-proġett, tħejjija ta' proċeduri ta' offerti, aggregazzjoni, applikazzjoni għal għotjiet u finanzjament u kwalunkwe attività oħra ta' tħejjija.
([10]) Inforegio - Apply for C4T GROUNDWORK – technical assistance for Cohesion Policy investments.
([11]) fi-compass | Strumenti finanzjarji taħt ġestjoni kondiviża tal-UE.
([12]) Iċ-Ċentru ta' Konsulenza InvestEU - Paġna ewlenija.
([13]) JASPERS - Assistenza Konġunta ta' Appoġġ għal Proġetti fir-Reġjuni Ewropej.
([14]) Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni bi gwida prattika dwar is-servizzi ta' punti uniċi ta' servizz għall-effiċjenza enerġetika u r-rendiment tal-bini fl-użu tal-enerġija C(2026)1523.
([15]) Pereżempju, il-proġetti ELENA GROWS u BOS4EE. Ara https://www.eib.org/files/elena/76-project-factsheet-green-revolution-of-wealth-in-salento-grows.pdf u https://www.eib.org/files/elena/135-project-factsheet-bos4ee.pdf.

### 2.4. Rakkomandazzjoni 5: Il-parteċipazzjoni b'mod proattiv fil-Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika biex tippromwovi kooperazzjoni aktar mill-qrib u effettiva mal-istituzzjonijiet finanzjarji

Il-koordinazzjoni limitata tul il-katina tal-valur tal-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika bejn l-awtoritajiet pubbliċi, l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-ESCOs u l-fornituri tat-teknoloġija tal-effiċjenza enerġetika hija ostaklu ewlieni għall-mobilizzazzjoni ta' investimenti privati għall-effiċjenza enerġetika. Fi snin reċenti, il-Kummissjoni appoġġat diversi inizjattivi biex tnaqqas dan id-distakk fil-koordinazzjoni, inkluż bħala parti mill-Forum ta' Investiment tal-Enerġija Sostenibbli u l-programmi Orizzont 2020 u LIFE għal Tranżizzjoni lejn Enerġija Nadifa (CET), li ffinanzjaw proġetti nazzjonali ta' finanzjament madwar mejda.

Biex tiġbor flimkien dawn l-isforzi u tipprovdi qafas komuni għall-kooperazzjoni, il-Kummissjoni Ewropea stabbiliet il-**Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika** ([16]). Il-Koalizzjoni għandha l-għan li trawwem ambjent tas-suq favorevoli li jżid l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, jimmobilizza l-finanzjament privat u jinvolvi istituzzjonijiet finanzjarji. Din tikkoordina mal-istituzzjonijiet finanzjarji u ma' parteċipanti oħra tas-suq biex tagħmel użu effettiv mir-riżorsi tal-baġit tal-UE u dawk nazzjonali, filwaqt li tiffaċilita l-implimentazzjoni ta' strumenti finanzjarji għall-effiċjenza enerġetika u taġixxi bħala katalist biex timmobilizza l-investiment privat. Il-Koalizzjoni adottat il-programm ta' ħidma għall-2025 fl-ewwel assemblea ġenerali tagħha fl-20 ta' Mejju 2025 ([17]).

Iċ-ċentri nazzjonali li għandhom jiġu stabbiliti fl-Istati Membri se jirrappreżentaw il-fergħa operazzjonali tal-Koalizzjoni. L-objettivi u l-attivitajiet ta' dawn iċ-ċentri se jiġu stabbiliti mill-awtoritajiet nazzjonali. L-għan huwa li jinħolqu sinerġiji bejn il-prattiki ta' finanzjament nazzjonali u l-industrija tal-effiċjenza enerġetika u tas-servizzi tal-enerġija biex jittejbu l-prattiki ta' finanzjament tal-effiċjenza enerġetika u jiġu attirati l-investimenti privati.

Bħalissa, l-effiċjenza enerġetika ħafna drabi tiġi injorata bħala prijorità speċifika u trattata bħala parti mill-kunċett usa' ta' finanzi sostenibbli. L-opportunità li wieħed jinvesti f'ħafna proġetti potenzjali ta' ffrankar tal-enerġija spiss tintilef minħabba n-nuqqas ta' trasparenza fl-istituzzjonijiet finanzjarji, il-komunikazzjoni korporattiva u l-proċessi ta' diliġenza dovuta. Oqfsa regolatorji bħat-Tassonomija tal-UE għamlu s-sostenibbiltà waħda mill-għanijiet tagħhom, iżda s-settur tal-finanzjament u l-investiment huwa mrażżan minn domanda baxxa, kumplessità tal-proġetti u nuqqas ta' standardizzazzjoni fil-qasam tal-effiċjenza enerġetika.

L-għan tal-Koalizzjoni huwa li ssaħħaħ il-kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji biex tagħti prijorità lill-investimenti fl-effiċjenza enerġetika. Il-kooperazzjoni għandha tiffoka fuq it-tneħħija tal-ostakli regolatorji u finanzjarji biex tingħata spinta lill-investiment privat fl-effiċjenza enerġetika. Għandha wkoll tħeġġeġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex joffru prodotti finanzjarji mfassla apposta, bħal ipoteki għall-effiċjenza enerġetika u self għar-rinnovazzjoni, li jenfasizzaw il-benefiċċji tal-iffrankar tal-enerġija.

**Il-banek kummerċjali jistgħu jibbenefikaw minn rwol aktar prominenti fis-suq tal-effiċjenza enerġetika**, filwaqt li jiżguraw aċċess għal prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika disponibbli b'mod wiesa' u mhux diskriminatorji li jqisu l-potenzjal tal-iffrankar tal-enerġija meta jivvalutaw ir-riskju ta' kreditu. Billi jingranaw ir-relazzjonijiet tagħhom mal-klijenti privati, il-banek jistgħu jespandu l-offerti tagħhom ta' effiċjenza enerġetika. Xi banek diġà stabbilew linji ta' kreditu għall-effiċjenza enerġetika, ħafna drabi bl-appoġġ ta' istituzzjonijiet bħall-BEI, il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp (BERŻ) jew banek promozzjonali nazzjonali. Madankollu, huwa meħtieġ involviment akbar mill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jitnaqqsu r-riskji perċepiti u jitnaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet. Dan jista' jinkiseb billi jiġi żviluppat għarfien espert intern, jinħolqu prodotti ddedikati li jikkunsidraw il-benefiċċji tal-iffrankar tal-enerġija, u jiġu standardizzati l-valutazzjonijiet tal-proġetti u l-proċessi ta' self biex is-suq tal-effiċjenza enerġetika jiġi servut aħjar.

L-awtoritajiet pubbliċi kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'diversi Stati Membri jipprovdu strumenti ta' garanzija, linji ta' kreditu appoġġati mill-pubbliku, u assistenza teknika biex jgħinu lill-banek kummerċjali jnaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet, inaqqsu r-riskji tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, u jappoġġaw l-aggregazzjoni ta' proġetti iżgħar għall-finanzjament permezz ta' bonds ekoloġiċi.

F'dan l-isfond, l-azzjonijiet ewlenin biex tiġi promossa l-kooperazzjoni mill-qrib bejn l-awtoritajiet nazzjonali u l-istituzzjonijiet finanzjarji dwar il-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika huma:

**Il-parteċipazzjoni b'mod attiv fil-Koalizzjoni Ewropea għall-Finanzjament tal-Effiċjenza Enerġetika** u l-inkoraġġiment liċ-ċentri nazzjonali biex jidentifikaw azzjonijiet speċifiċi li jippromwovu soluzzjonijiet u strateġiji ta' finanzjament tal-effiċjenza enerġetika biex jiġu żblokkati investimenti privati.

([16]) Il-Koalizzjoni Ewropea għall-Effiċjenza Enerġetika ġiet stabbilita permezz ta' dikjarazzjoni konġunta bejn il-Kummissjoni u l-Istati Membri f'Diċembru 2023. Il-Koalizzjoni tibni fuq ir-riżultati tal-Grupp ta' Istituzzjonijiet Finanzjarji għall-Effiċjenza Enerġetika (EEFIG, Energy Efficiency Financial Institutions Group) maħluq fl-2013. Għal aktar informazzjoni: https://energy.ec.europa.eu/topics/energy-efficiency/financing/european-energy-efficiency-financing-coalition_mt.

([17]) European Energy Efficiency Coalition, Scope of Action and Mandate, Work Programme for the first year of activities. Aċċessibbli fuq: https://energy.ec.europa.eu/topics/energy-efficiency/financing/european-energy-efficiency-financing-coalition_mt.

**Il-kollaborazzjoni biex jittejjeb il-qafas tal-UE għall-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika**, inkluż billi (i) jissaħħu l-programmi u l-istrumenti finanzjarji tal-UE u nazzjonali biex tiġi appoġġata aħjar l-espansjoni fl-investimenti privati u (ii) titjib tal-qafas regolatorju finanzjarju biex l-istituzzjonijiet finanzjarji jiġu mħeġġa jinvestu fl-effiċjenza enerġetika.

**L-istabbiliment ta' sħubijiet biex jgħinu lill-bank kummerċjali jingranaw aħjar il-kobenefiċċji finanzjarji tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika**, bħall-iffrankar fil-kostijiet tal-enerġija u ż-żieda fil-valuri tal-assi, bħala parti mill-valutazzjonijiet tar-riskju ta' kreditu. Dan jinkludi l-għoti ta' assistenza teknika ddedikata għall-istituzzjonijiet finanzjarji li jiġġestixxu strumenti finanzjarji appoġġati pubblikament għall-effiċjenza enerġetika.

**L-appoġġ u s-sollecitazzjoni lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex joffru għażliet ta' finanzjament faċli għall-klijenti** għal proġetti tal-effiċjenza enerġetika, billi jużaw l-appoġġ ta' finanzjament pubbliku disponibbli, u jiżguraw aċċess wiesa' u mhux diskriminatorju għal prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika.

## 2.5. Rakkomandazzjoni 6: Nagħmlu l-aħjar użu mill-inċentivi fiskali biex nimmobilizzaw investimenti privati fl-effiċjenza enerġetika

Jekk ikunu ddisinjati bir-reqqa, l-għodod fiskali dwar il-klima u l-enerġija, bħal obbligi ta' ffrankar tal-enerġija, taxxi fuq il-karbonju u taxxi fuq il-veikoli, jistgħu jappoġġaw strateġiji nazzjonali ta' finanzjament tal-effiċjenza enerġetika, iqanqlu bidla fl-imġiba u jinċentivaw investimenti fit-tranżizzjoni tal-enerġija u fl-effiċjenza enerġetika.

**Is-sistema tat-taxxa u l-inċentivi fiskali jista' jkollhom rwol ewlieni biex jinkoraġġixxu investimenti fl-effiċjenza enerġetika billi jistabbilixxu premjijiet u penali fiskali.** It-taxxi u l-inċentivi fiskali ta' benefiċċju qed jintużaw dejjem aktar biex jappoġġaw it-tranżizzjoni ekoloġika u enerġetika, iżda l-kisba ta' bilanċ bejn l-effettività tagħhom u l-implikazzjonijiet politiċi usa' tibqa' sfida. Inċentivi fiskali u miżuri tat-taxxa dannużi jista' jkollhom impatt negattiv fuq l-investiment fl-effiċjenza enerġetika, bħal pereżempju billi jagħmlu lock-in tat-teknoloġiji bbażati fuq il-fjuwils fossili u ineffiċjenti fl-enerġija, billi jiskoraġġixxu t-tnaqqis fil-konsum tal-enerġija, jew billi jneħħu l-kobenefiċċji ekonomiċi tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika.

Inċentivi fiskali komuni għall-effiċjenza enerġetika jinkludu ħelsien mit-taxxa (tnaqqis tal-introjtu taxxabbli) jew krediti tat-taxxa (tnaqqis tal-ħlasijiet fiskali dovuti) fuq l-introjtu, jew taxxa korporattiva għal individwi jew kumpaniji li jinvestu f'titjib fl-effiċjenza enerġetika jew li jakkwistaw teknoloġija tal-enerġija effiċjenti. Filwaqt li l-ħelsien mit-taxxa u l-krediti tat-taxxa huma ta' benefiċċju għas-settur korporattiv, jistgħu jkunu inqas attraenti għaċ-ċittadini privati, b'mod partikolari ċ-ċittadini b'introjtu baxx, peress li l-obbligi tat-taxxa tagħhom jistgħu jkunu baxxi wisq biex jibbenefikaw b'mod sinifikanti minn tali inċentivi fiskali.

F'dan l-isfond, l-azzjonijiet ewlenin biex isir l-aħjar użu mill-inċentivi fiskali biex jiġu mobilizzati l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika huma:

— **Jiżdied l-użu ta' għodod fiskali biex tiġi inċentivata t-tranżizzjoni tal-enerġija u l-effiċjenza enerġetika**, filwaqt li tiġi sfruttata r-responsabbiltà baġitarja u fiskali nazzjonali biex jiġi stabbilit ambjent favorevoli għall-investimenti fl-effiċjenza enerġetika.

— **Jitneħħew il-miżuri u s-sussidji fiskali li ma jinċentivawx l-investimenti fit-titjib fl-effiċjenza enerġetika**, bħal dawk li joħolqu dipendenza fuq teknoloġiji bbażati fuq il-fjuwils fossili u teknoloġiji ineffiċjenti fl-enerġija jew li jiddiżinċentivaw, b'imposti fiskali ogħla, il-kobenefiċċji ekonomiċi tat-titjib fl-effiċjenza enerġetika.

— **Jiġu introdotti inċentivi fiskali u miżuri tat-taxxa pożittivi biex jiġu mmobilizzati l-investimenti** fl-effiċjenza enerġetika, b'mod partikolari biex jiġu appoġġati l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika fis-settur korporattiv u fl-industrija tal-manifattura permezz ta' tnaqqis fit-taxxa u krediti tat-taxxa.

## 3. TITTEJJEB IL-PROVVISTA TA' OFFERTI TA' FINANZJAMENT GĦALL-EFFIĊJENZA ENERĠETIKA, L-INVESTIMENTI LI JNAQQSU R-RISKJI U L-OPPORTUNITAJIET TA' RIFINANZJAMENT

Biex jiġi mobilizzat il-kapital privat għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika, huwa kruċjali li l-offerti ta' finanzjament privat għall-effiċjenza enerġetika jsiru aktar attraenti għaċ-ċittadini u għall-intrapriżi. Barra minn hekk, biex tiżdied l-attraenza tal-investimenti ta' kapital privat fl-effiċjenza enerġetika, huwa kruċjali li jiġu indirizzati l-frammentazzjoni eċċessiva tas-suq u l-istandardizzazzjoni baxxa tal-proġetti ta' investiment u li jittejbu r-riżervi tal-investiment u l-aggregazzjoni tal-portafoll biex jiżdiedu l-opportunitajiet għall-iskalabbiltà u r-replikabbiltà. L-awtoritajiet tal-Istati Membri jista' jkollhom rwol ewlieni fl-istimulazzjoni tas-suq biex jiżviluppaw u jvaraw firxa wiesgħa ta' prodotti u servizzi privati ta' finanzjament tal-effiċjenza enerġetika, u b'hekk jagħmlu l-investiment fl-effiċjenza enerġetika aktar attraenti ekonomikament u inqas ta' piż għaċ-ċittadini u l-intrapriżi. Bl-esklużjoni tar-riżorsi/tfaddil proprju, l-effiċjenza enerġetika tista' tiġi ffinanzjata b'kapital privat jew permezz ta' ftehimiet ta' kreditu – self garantit jew mhux garantit – jew permezz ta' ftehimiet ta' servizz u finanzjament minn partijiet terzi – b'mod partikolari servizzi ta' effiċjenza enerġetika u lokazzjoni ta' tagħmir tal-enerġija.

Il-massimizzazzjoni tal-mobilizzazzjoni tal-finanzjament privat fl-effiċjenza enerġetika teħtieġ ukoll li jiżdiedu l-opportunitajiet għall-istituzzjonijiet finanzjarji u l-investituri terzi biex jinvestu riżorsi kapitali fl-effiċjenza enerġetika, u li jsir possibbli għaċ-ċittadini u l-intrapriżi li jissodisfaw ir-rekwiżiti prudenzjali meħtieġa biex jaċċessaw finanzjament privat biex jiffinanzjaw il-proġetti tagħhom. Dan jista' jinkiseb billi jitnaqqas ir-riskju assoċjat mal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, billi tiżdied il-kapaċità ta' self taċ-ċittadini u l-intrapriżi, u billi jittejbu l-kundizzjonijiet ta' rifinanzjament għall-investituri fl-effiċjenza enerġetika. Il-kapitlu ta' hawn taħt jirrelata mar-rakkomandazzjonijiet 7 sa 12 tat-test prinċipali.

## 3.1. Rakkomandazzjoni 7: Il-promozzjoni tal-iżvilupp u l-adozzjoni ta' prodotti ta' self iddedikati għall-effiċjenza enerġetika u finanzjament privat permezz ta' ftehimiet ta' kreditu

Biex tespandi l-mobilizzazzjoni tal-kapital privat f'investimenti fl-effiċjenza enerġetika, huwa essenzjali li l-awtoritajiet tal-Istati Membri jappoġġaw lill-istituzzjonijiet finanzjarji fl-iżvilupp tas-suq u fil-promozzjoni tal-adozzjoni ta' prodotti ta' self iddedikati għall-effiċjenza enerġetika. L-Artikolu 30(3) tar-riformulazzjoni tal-EED jirrikjedi li l-**Istati Membri jadottaw miżuri biex jippromwovu prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika, bħal self ipotekarju ekoloġiku u self ekoloġiku, u jiżguraw li dawn jiġu offruti b'mod wiesa' u mhux diskriminatorju mill-istituzzjonijiet finanzjarji u jkunu viżibbli u aċċessibbli għall-konsumaturi** ([18]).

Il-prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika huma self li jkopri l-kost tal-investiment bil-quddiem ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika, u b'hekk jgħin biex jingħeleb l-ostaklu ta' riżorsi ta' finanzjament limitati. Dawn il-prodotti jinkludu self standard għal miżuri ta' effiċjenza enerġetika, ipoteki għall-effiċjenza enerġetika, krediti ekoloġiċi għall-konsumatur, u self għar-rinnovazzjoni. Jistgħu jiġu kkombinati ma' inċentivi pubbliċi biex jikkofinanzjaw l-investimenti, inaqqsu r-rati tal-imgħax u jżidu l-klassifikazzjoni tal-kreditu għal min jissellef.

Is-self għall-effiċjenza enerġetika jista' jingħata permezz ta' (1) linji ta' kreditu offruti minn banek jew istituzzjonijiet finanzjarji oħra għall-finanzjament ta' miżuri ta' effiċjenza enerġetika, u (2) fondi ddedikati b'mandat speċifiku biex jinvestu f'miżuri ta' effiċjenza enerġetika, li ħafna drabi jiffokaw fuq setturi speċifiċi eż. bini jew industrija. Fl-UE, diversi banek kummerċjali joffru kreditu ekoloġiku għall-konsumatur u ipoteki ekoloġiċi u għandhom strateġiji u miri għal portafolli magħżula ta' tislif ekoloġiku. Madankollu, skont l-Awtorità Bankarja Ewropea, is-self ekoloġiku bħalissa jirrappreżenta biss sehem żgħir mill-karti tal-bilanċ ġenerali tal-istituzzjonijiet ta' kreditu, b'medja ta' 4,5 % tas-self totali ([19]). Is-sehem ta' self ekoloġiku huwa kemxejn ogħla fil-portafolli tal-unitajiet domestiċi (11 %) u aktar baxx fis-segmenti tal-SMEs mhux tal-bejgħ bl-imnut u l-kontroparti mhux finanzjarja (NFC, non-financial counterparty) ([20]) (madwar 2 %). L-istituzzjonijiet ta' kreditu jużaw diversi għażliet biex jiddefinixxu self ekoloġiku, inklużi standards interni, it-Tassonomija tal-UE, il-Prinċipji ta' Self Ekoloġiku tal-Assoċjazzjoni tas-Suq tas-Self, u t-Tikketta ta' Self Ipotekarju għall-Effiċjenza Enerġetika żviluppata mill-Inizjattiva dwar is-Self Ipotekarju Effiċjenti fl-Enerġija ([21]).

L-Istati Membri tal-UE għandhom jidentifikaw u **jużaw l-aħjar prattiki u t-tagħlimiet meħuda** minn skemi ta' finanzjament tal-effiċjenza enerġetika mmirati lejn il-bini u jżiduhom fuq skala kbira. L-aktar programmi ta' suċċess fl-UE ([22]) bnew fuq skemi ta' ipoteki eżistenti u kkombinaw dawn ma' inċentivi fiskali qawwija jew għotjiet għal titjib fl-effiċjenza enerġetika. Dawn l-iskemi huma aċċessibbli għas-sidien tal-bini li diġà qed jippjanaw li jinvestu, u jiżguraw li d-deċiżjoni tagħhom dwar l-investiment tinkludi titjib fl-effiċjenza enerġetika.

F'dan l-isfond, l-azzjonijiet ewlenin biex jiġi promoss l-użu ta' self għall-effiċjenza enerġetika huma:

— **L-appoġġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jiżviluppaw prodotti ta' self għall-effiċjenza enerġetika, filwaqt li jespandu l-finanzjament privat iddedikat** għall-effiċjenza enerġetika. Dan jista' jinkiseb billi jiġu sfruttati strutturi organizzattivi biex jiġu pprovduti servizzi addizzjonali eż. servizzi konsultattivi u awżiljarji biex jappoġġaw ir-rekwiżiti u l-opportunitajiet assoċjati ma' self ekoloġiku għall-effiċjenza enerġetika ([23]). Barra minn hekk, għandu jingħata appoġġ lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jestendu l-ambitu tal-prodotti ta' self tagħhom eż. permezz ta' għodod għat-tnaqqis tar-riskji bħal garanziji ta' self, appoġġ għall-iżvilupp ta' proġetti u kampanji ta' sensibilizzazzjoni/informazzjoni.

([18]) Għal aktar informazzjoni dwar ir-rekwiżiti tal-Artikolu 30(3) tal-EED, jekk jogħġbok ikkonsulta r-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2023 (C/2023/1553).

([19]) Ir-Rapport tal-Awtorità Bankarja Ewropea (EBA, European Banking Authority): B'risposta għas-sejħa għal parir mill-Kummissjoni Ewropea dwar self u self ipotekarju ekoloġiċi (Diċembru 2023). Għal aktar informazzjoni, jekk jogħġbok ikkonsulta r-Rapport tal-EBA: https://www.eba.europa.eu/sites/default/files/2023-12/e7bcc22e-7fc2-4ca9-b50d-b6e922f99513/EBA%20report%20on%20green%20loans%20and%20mortgages_0.pdf.

([20]) Korporazzjoni mhux finanzjarja.

([21]) https://energyefficientmortgages.eu/ proġetti ffinanzjati mill-Orizzont 2020 u mill-LIFE CET.

([22]) EEFIG (2021), The evolution of financing practices for energy efficiency in buildings, SME's and in industry.

([23]) Eżempji ta' self ekoloġiku mill-Belġju, l-Estonja, il-Ġermanja u l-Greċja jinsabu fir-rapport tal-EBA (Diċembru 2023).

— **L-istabbiliment ta' faċilitajiet għal self ekoloġiku pubbliku jew it-tisħiħ ta' dawk eżistenti.** Is-self ekoloġiku pubbliku huwa offrut minn istituzzjonijiet pubbliċi (jew sponsorjat indirettament minnhom) lil unitajiet domestiċi, negozji u inkwilini biex ikopri l-kost bil-quddiem tal-miżuri tal-effiċjenza enerġetika. Normalment ikunu "self b'imgħax baxx" jiġifieri jkollhom rati ta' imgħax jew żmien tal-ħlas lura favorevoli, viċin iż-żero. Is-self ekoloġiku pubbliku jista' jingħata minn fondi nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika jew entitajiet simili li jippromwovu investiment kapitali fl-effiċjenza enerġetika.

— **Il-provvista ta' soluzzjonijiet ta' finanzjament u self faċli għall-klijent għall-effiċjenza enerġetika, billi jiġu trasposti u kkomplementati d-dispożizzjonijiet riformulati tal-Artikolu 30 tal-EED fil-qafas leġiżlattiv nazzjonali.** L-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jivvalutaw l-interess tal-klijenti tagħhom fit-titjib tal-effiċjenza enerġetika tal-assi tagħhom u/jew fl-akkwist ta' tagħmir għall-effiċjenza enerġetika sabiex ikunu jistgħu joffrulhom prodotti ta' self iddedikati għall-effiċjenza enerġetika li jissodisfaw l-interessi tagħhom. L-istituzzjonijiet finanzjarji huma mħeġġa jipprovdu lill-klijenti tagħhom b'informazzjoni dwar prodotti għall-effiċjenza enerġetika u l-bosta benefiċċji tar-rinnovazzjoni tal-enerġija, flimkien ma' informazzjoni dwar l-iffrankar mistenni fuq il-kont tal-enerġija.

— **Jiġi ffaċilitat li l-assoċjazzjonijiet ta' koproprjetarji jieħdu self b'mod konġunt biex jiffinanzjaw investimenti fl-effiċjenza enerġetika u jissimplifikaw il-prattiki ta' ġestjoni tal-koproprjetà f'bini b'abitazzjonijiet multipli** biex jiffaċilitaw l-investimenti fl-effiċjenza enerġetika. Dan jista' jinkiseb, pereżempju, billi (i) titneħħa r-regola tal-unanimità għall-konklużjoni ta' self għal rinnovazzjonijiet tal-enerġija jew (ii) permezz ta' djalogu mal-kumpaniji tal-ġestjoni tal-proprjetà immobbli biex jiġu promossi t-titjib fl-effiċjenza enerġetika u l-kuntratti tar-rendiment fl-użu tal-enerġija lill-koproprjetarji ([24]).

— **Il-provvista ta' assistenza teknika u pariri lill-istituzzjonijiet ta' finanzjament** biex jiżviluppaw unitajiet ta' żvilupp ta' proġetti interni, jistabbilixxu appoġġ ta' punt uniku ta' servizz għall-klijenti, joffru awditu tal-enerġija għall-klijenti (SMEs, residenzjali), u jibnu l-kapaċità tal-uffiċjali tas-self biex jiżviluppaw forza tal-bejgħ għall-prodotti tal-effiċjenza enerġetika.

### 3.2. Rakkomandazzjoni 8: Jiġi ffaċilitat il-qafas regolatorju meħtieġ u jingħata appoġġ għal skemi ta' finanzjament innovattivi, bħal finanzjament fuq it-taxxa u finanzjament fuq il-kont

L-iskemi ta' finanzjament ibbażati fuq il-proprjetà, bħall-finanzjament fuq it-taxxa u finanzjament fuq il-kont, joffru bosta vantaġġi biex jiffaċilitaw investimenti fl-effiċjenza enerġetika u jattiraw kapital privat. Il-vantaġġ tagħhom huwa doppju: jużaw mezzi alternattivi ta' ħlas lura bħal kontijiet tal-enerġija u taxxi fuq il-proprjetà biex inaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet assoċjati ma' self għal titjib fl-effiċjenza enerġetika; u jisseparaw il-finanzjament mis-sjieda, filwaqt li jindirizzaw l-isfida tar-redditi fuq l-investiment fit-tul.

Dan l-approċċ jista' jgħin biex jingħeleb l-ostaklu tar-riżorsi finanzjarji limitati, partikolarment għall-unitajiet domestiċi u l-SMEs b'introjtu baxx, billi jindirizza l-kwistjonijiet ta' qligħ finanzjarju limitat fuq terminu qasir u żminijiet tal-ħlas lura estiżi għat-titjib fl-effiċjenza enerġetika. Għalkemm xi skemi pilota ta' finanzjament fuq it-taxxa u fuq il-kont ġew żviluppati madwar l-Istati Membri tal-UE, il-qafas regolatorju meħtieġ spiss ikun nieqes. **L-Artikolu 30(3) tar-riformulazzjoni tal-EED jirrikjedi li l-Istati Membri jadottaw miżuri biex jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' skemi ta' finanzjament fuq il-kont** ([25]) **u fuq it-taxxa fl-oqfsa nazzjonali tagħhom**.

**L-iskemi ta' finanzjament fuq il-kont** jistgħu joffru termini attraenti, bħal rati ta' imgħax baxxi u maturitajiet twal, u jkunu aċċessibbli b'mod wiesa', sakemm jitqiegħdu fis-seħħ analiżi robusta tar-riskju u miżuri ta' mitigazzjoni ([26]). Biex jippermettu u jimplimentaw dawn l-iskemi, l-awtoritajiet nazzjonali jistgħu jużaw il-pjan direzzjonali għall-adozzjoni ta' skemi fuq il-kont żviluppat mill-proġett RenOnBill ([27]).

---

([24]) Ara pereżempju: is-Syndicat National des Propriétaires et Copropriétaires (l-Unjoni Nazzjonali tal-Proprjetarji u l-Koproprjetarji) u l-Engie Electrabel "La copropriété, ses travaux et leur financement".

([25]) Il-finanzjament fuq il-kont huwa metodu ta' finanzjament tar-rinnovazzjonijiet għall-effiċjenza enerġetika fil-bini li juża l-kont tal-utilitajiet bħala l-veikolu ta' ħlas lura. L-iskemi fuq il-kont jużaw is-sistemi ta' ħlas eżistenti tal-utilità biex inaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet u r-riskju potenzjali ta' inadempjenza fuq il-ħlas lura ta' self.

([26]) L-istrutturi tal-iskemi ta' finanzjament fuq il-kont huma ppreżentati fir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Diċembru 2023 (C/2023/1553).

([27]) Pjan Direzzjonali Ewropew ta' Rinnovazzjoni tal-Bini fuq il-kont (2022) Proġett RenOnBill H2020. Il-proġett RenOnBill (2019-2022) ġabar flimkien kumpaniji ta' konsulenza, utilitajiet tal-enerġija u istituzzjonijiet finanzjarji biex jittestjaw skemi ta' finanzjament fuq il-kont fil-Ġermanja, l-Italja, Spanja u l-Litwanja, bil-għan li jespandi l-adozzjoni tagħhom madwar l-Ewropa. Għal aktar informazzjoni dwar il-pjan direzzjonali RenOnBill: https://renonbill.eu/knowledge-sharing/european-on-bill-building-renovation-roadmap?briefings=on&brochures=on&factsheets=on&infographics=on&language=any&reports=on&scientificpapers=on&tools=on&page=1.

F'dan l-isfond, l-azzjonijiet ewlenin dwar il-finanzjament fuq il-kont huma:

— **Il-valutazzjoni ta' jekk il-qafas nazzjonali jippermettix l-iżvilupp ta' skemi fuq il-kont**. L-elementi ewlenin li għandhom jitqiesu huma: qafas leġiżlattiv xieraq li jippermetti lill-utilitajiet jaġixxu bħala selliefa; implimentazzjoni korretta u mifruxa tar-regoli tal-UE dwar il-kejl individwali u l-eżattezza tal-konsum tal-enerġija ta' unitajiet singoli; dispożizzjonijiet li jipproteġu lill-investituri minn inadempjenza fil-ħlas lura tas-self filwaqt li tinżamm il-protezzjoni tal-konsumatur; possibbiltà għall-utilitajiet u l-istituzzjonijiet finanzjarji li jużaw ir-rekords tal-ħlas tal-kontijiet għall-valutazzjoni tal-profil tar-riskju tal-utenti finali; u l-liġijiet li jirregolaw ir-relazzjonijiet bejn is-sidien u l-inkwilini li jappoġġaw distribuzzjoni ġusta tal-kostijiet tal-investiment u l-ħlasijiet lura tas-self.

— **L-għoti tad-dritt lill-utilitajiet tal-enerġija li jipprovdu finanzjament għall-effiċjenza enerġetika**. Għal skemi ffinanzjati mill-utilitajiet, l-Istati Membri tal-UE jista' jkollhom bżonn jemendaw il-leġiżlazzjoni dwar il-kredituri biex jikkonfermaw li l-utilitajiet għandhom id-dritt legali li jipprovdu kreditu għar-rinovazzjonijiet. Is-soluzzjonijiet ta' finanzjament fuq il-kont jeħtieġu li utilità tipprovdi l-kapital biex tiffinanzja x-xogħlijiet ta' effiċjenza enerġetika, filwaqt li l-konsumatur iħallas lura permezz ta' ħlasijiet regolari fuq il-kontijiet tas-servizzi eżistenti.

— **L-iżgurar ta' flussi ta' flus kostanti fl-entitajiet ta' implimentazzjoni (eż. utilitajiet, ESCOs) biex jiksbu skala, u/jew jistabbilixxu fondi ta' garanzija u ta' appoġġ nazzjonali jew lokali.** Pereżempju, fond nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika jista' jixtri r-riċevibbli tal-iskema ta' finanzjament fuq il-kont u jiżgura t-tnaqqis tar-riskji biex jipprovdi appoġġ finanzjarju lil skemi pilota (eż. permezz ta' garanziji ta' self). **Fondi ta' garanzija pubblika u linji ta' kreditu** li jistgħu jiffaċilitaw l-implimentazzjoni ta' skemi ta' finanzjament fuq il-kont minn utilitajiet u istituzzjonijiet finanzjarji. Tali garanziji jistgħu jiġu attivati jekk sid ta' dar jonqos milli jħallas is-self tiegħu, u b'hekk jitnaqqas ir-riskju tal-investiment perċepit mis-selliefa. Linji ta' kreditu ddedikati għall-appoġġ tal-finanzjament fuq il-kont jistgħu jiġu varati bħala parti mill-finanzjament pubbliku għall-effiċjenza enerġetika, bħal fondi nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika. L-appoġġ baġitarju pubbliku għall-adozzjoni ta' skemi ta' finanzjament fuq il-kont jista' jieħu l-forma ta' kopertura, parzjali jew sħiħa, tal-ħlasijiet lura tar-rati tal-imgħax tal-utenti finali bħala parti mill-kontijiet tal-enerġija tagħhom, biex b'hekk ikunu jistgħu jgawdu l-benefiċċji monetarji sħaħ tal-iffrankar tal-enerġija. Jew jista' jieħu l-forma ta' kofinanzjament biex jitnaqqsu l-kostijiet ġenerali tal-investiment għal proġetti speċifiċi ta' sfida (rinovazzjonijiet kbar, bini bl-agħar rendiment, unitajiet domestiċi vulnerabbli).

**Il-finanzjamenti fuq it-taxxa** jinvolvu lill-unitajiet domestiċi jew lill-kumpaniji jġarrbu f'dejn biex ikopru l-kost tar-rinnovazzjonijiet tal-bini residenzjali jew kummerċjali, ix-xiri ta' apparati jew ta' tagħmir effiċjenti fl-użu tal-enerġija, jew titjib ieħor fil-proċessi tal-enerġija, bl-użu ta' taxxi speċifiċi u/jew imposti oħrajn relatati mal-proprjetà **bħala l-veikolu tal-ħlas lura**. Il-finanzjamenti fuq it-taxxa jinkludu mekkaniżmi li jippermettu li d-dejn jiġi mgħoddi mis-sidien tal-proprjetà preċedenti lil dawk li jmiss, mingħajr ma neċessarjament ikollhom jillikwidawh. Dan jistabbilixxi mekkaniżmu sempliċi ta' trasferiment ta' dejn biex jegħleb id-diżinċentiv għas-sidien tal-proprjetà milli jinvestu f'miżuri ta' effiċjenza enerġetika bi żmien tal-ħlas lura twil. Il-finanzjamenti fuq it-taxxa jippermetti lis-sidien tal-proprjetà jimplimentaw titjib mingħajr ħlas kbir ta' flus kontanti minn qabel (f'xi każijiet ikun hemm finanzjament minn qabel ta' 100 %) u jħallsu lura l-kostijiet fuq perjodu ta' 10 jew 20 sena permezz ta' taxxi fuq il-proprjetà jew ħlasijiet fiskali oħra relatati mal-bini. Jistgħu jiġu pprovduti jew minn sorsi pubbliċi bħall-gvern muniċipali jew minn fondi privati.

Eżempji ta' finanzjamenti fuq it-taxxa jinkludu l-proġett EuroPACE fi Spanja ([28]) u l-proġett FITHOME ([29]), li approfondixxa l-approċċ EuroPACE fin-Netherlands, f'kooperazzjoni mal-awtoritajiet lokali u l-istituzzjonijiet finanzjarji.

F'dan l-isfond, l-azzjonijiet ewlenin dwar il-finanzjament fuq it-taxxa huma:

— **Jiġi vvalutat jekk il-qafas nazzjonali jippermettix li jiġu żviluppati skemi fuq it-taxxa**. Dan jinkludi l-analiżi tas-sistemi tat-taxxa, u l-identifikazzjoni tal-ħtieġa għal riformi regolatorji tat-taxxi fuq il-proprjetà u tariffi oħra relatati fuq il-bini, biex ikunu jistgħu jsiru skemi ta' finanzjament fuq it-taxxa. Jinvolvi wkoll li jiġi żgurat li l-awtoritajiet pubbliċi lokali jkunu jistgħu jiġbru l-ħlasijiet lura u jittrasferuhom lil investituri privati, mingħajr ma jikkonsolidawhom fil-baġit muniċipali lokali tagħhom. L-eżistenza ta' taxxi fuq il-proprjetà jew ħlasijiet fiskali simili fuq il-bini hija prerekwiżit għall-implimentazzjoni ta' finanzjament fuq it-taxxa.

([28]) Proġett EuroPACE Orizzont 2020, https://cordis.europa.eu/article/id/422271-a-home-based-financing-model-to-boost-investments-in-sustainable-renovation.

([29]) FITHOME żviluppa programm ta' finanzjament fuq it-taxxa, immirat lejn investimenti fl-effiċjenza enerġetika fi proprjetajiet residenzjali fin-Netherlands. Il-kumpanija Netherlandiża De Woonpas qed tmexxi l-inizjattiva, f'kooperazzjoni mal-muniċipalitajiet Netherlandiżi. Il-programm ta' finanzjament fuq it-taxxa jopera primarjament permezz ta' żewġ veikoli bi skop speċjali, SVGVR (Foundation Verzamelgelden) u SWGVR (Foundation Waarborg). Il-BNG Bank (il-Bank tal-muniċipalitajiet Netherlandiżi) jagħti flus lill-SVGVR, li jkopri l-kostijiet tax-xogħlijiet f'isem il-muniċipalità. Is-sidien tad-djar imbagħad ikollhom iħallsu "taxxa fuq l-ammeljorament" – taxxa ta' kull xahar fuq il-valur miżjud tal-proprjetà – fuq 30 sena, ikkalkulata biex tiżgura li l-ħlas lura tad-dejn ikun affordabbli għas-sidien tad-djar. L-SVGVR jirċievi l-ħlasijiet tat-taxxa, filwaqt li l-SWGVR jaġixxi bħala garanzija, billi japplika perċentwal żgħir mat-taxxa ta' kull xahar biex ikopri r-riskji finanzjarji għall-muniċipalitajiet f'każ ta' kwistjonijiet bil-ħlasijiet lura tas-sidien tad-djar. Il-proċess huwa marbut mas-sistema kadastrali Netherlandiża "Kadaster", biex jimmonitorja l-ġbir tat-taxxa fuq l-ammeljorament. Għal aktar informazzjoni: FITHOME Horizon 2020 project, https://cordis.europa.eu/project/id/892214.

— **Jiġu stabbiliti proċeduri biex jiġu żgurati ħlasijiet lura permezz ta' taxxi relatati mal-proprjetà u trasferiment ta' dejn flimkien mas-sjieda.** L-implimentazzjoni ta' finanzjamenti fuq it-taxxa teħtieġ proċeduri ta' infurzar effettivi f'każijiet fejn it-taxxi ma jkunux imħallsa jew ta' talbiet minn qabel għall-ħlasijiet lura ta' djun oħrajn qabel il-finanzjament fuq it-taxxa. Il-muniċipalitajiet għandhom rwol ewlieni fit-trasferiment tal-ħlasijiet lura bejn l-unitajiet domestiċi u l-investituri u ma għandhomx ikunu jistgħu jikkonsolidaw dawn l-attivitajiet fil-baġit muniċipali.

— **Jiġu involuti l-partijiet ikkonċernati meħtieġa abbażi tal-esperjenza ta' proġetti Ewropej ta' suċċess.** Il-finanzjament fuq it-taxxa jinvolvi diversi partijiet ikkonċernati, inkluż il-gvern nazzjonali u lokali, l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-installaturi u s-sidien tad-djar. Il-finanzjament fuq it-taxxa għal rinnovazzjonijiet tal-enerġija jista' jiġi pprovdut permezz ta' self minn istituzzjonijiet finanzjarji, b'titjib fl-effiċjenza enerġetika mogħti permezz ta' kuntratturi speċifiċi u kostijiet irkuprati permezz ta' taxxi fuq il-proprjetà jew ħlasijiet fiskali oħra.

## 3.3. Rakkomandazzjoni 9: Jitneħħew l-ostakli u l-espansjoni tal-finanzjament tal-effiċjenza enerġetika permezz ta' ftehimiet ta' servizz u t-trawwim ta' suq għas-servizzi tal-enerġija

**Is-suq tas-servizzi tal-enerġija, b'mod partikolari permezz ta' kuntratti tar-rendiment tal-enerġija, huwa ekosistema ewlenija biex jiġi żblokkat il-finanzjament privat għall-effiċjenza enerġetika u biex jiġi promoss l-argument għall-vijabbiltà tal-effiċjenza enerġetika.** Is-suq tal-kumpaniji ta' servizzi tal-enerġija (ESCOs, energy service companies) jiddependi fuq ftehimiet ta' servizz u lokazzjoni biex jiffinanzjaw investimenti fl-effiċjenza enerġetika, u b'hekk jippermettu l-moviment tal-kostijiet tal-investiment min-nefqa kapitali għan-nefqa operazzjonali, u jipprijoritizzaw it-twassil tar-rendiment kontinwu tal-effiċjenza enerġetika maż-żmien.

Biex jiġi ffaċilitat it-tkabbir tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u s-suq tal-ESCOs, huwa importanti li jiġu varati programmi kbar ta' effiċjenza enerġetika li jistgħu jistandardizzaw u jaggregaw ir-riżervi ta' investiment, partikolarment għal bini pubbliku u kummerċjali u SMEs. Fis-setturi tal-industrija u tal-SMEs, l-ESCOs ([30]) jistgħu jwettqu proġetti tal-enerġija kumplessi, billi jipprovdu għarfien espert tekniku u finanzi f'oqsma li ma humiex in-negozju ewlieni ta' industrija partikolari (eż. irkupru u użu mill-ġdid tas-sħana mormija).

**L-Ikkuntrattar tar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija (EPC)** jintuża meta kontroparti (eż. ESCO) timpenja ruħha li tinstalla t-tagħmir meħtieġ u tiggarantixxi rendiment speċifiku tal-iffrankar tal-enerġija. L-EPC jistabbilixxi t-termini bil-quddiem u t-tqassim tal-pagamenti kontinwi, li huma maħsuba li jkunu inqas mill-iffrankar finanzjarju realizzat mill-iffrankar tal-enerġija tal-proġett. L-EPC joffri kuntratt turnkey u punt uniku għall-klijent, li għandu kontroparti waħda biss għat-tul kollu tal-kuntratt. Il-fornituri tal-EPC jiġġestixxu wkoll ir-riskji tal-prestazzjoni u jiggarantixxu l-iffrankar. Madankollu, l-EPC jinkludi żieda fil-kostijiet tat-tranżazzjonijiet, rekwiżiti kapitali għoljin biex tiġi żgurata l-kontinwità tal-operazzjonijiet, peress li l-ESCOs jiġu rifinanzjati b'pagamenti fit-tul u ta' valur żgħir, u nuqqas ta' qafas u mudelli standardizzati għall-monitoraġġ u l-verifika tal-iffrankar. Fin-nuqqas ta' skemi ta' garanzija ddedikati jew forom oħra ta' appoġġ baġitarju pubbliku, dawn l-isfidi spiss jirriżultaw f'miżuri ta' effiċjenza enerġetika kostottimali ffukati fuq żminijiet tal-ħlas lura qosra, minħabba n-nuqqas ta' rieda tal-fornituri tal-EPC li jġorru riskju fit-tul.

L-EPC huwa partikolarment adattat biex iwettaq titjib fl-effiċjenza enerġetika fis-settur pubbliku, fejn l-għarfien espert komprensiv u l-prestazzjoni garantita miġjuba mill-fornituri tas-servizzi jiżguraw l-effettività tal-investimenti. Ir-riskju tekniku li jinkiseb iffrankar tal-enerġija jaqa' fuq il-fornitur tas-servizz matul id-durata sħiħa tal-kuntratt. Il-finanzjament minn partijiet terzi, bil-ħlas lura tal-kost tal-investiment bil-quddiem permezz ta' tfaddil fil-kostijiet tal-enerġija, jippermetti li l-proġetti jimxu 'l quddiem anke jekk il-fondi pubbliċi ma jkunux biżżejjed, u l-possibbiltà ta' trattament barra l-karta tal-bilanċ tal-EPC tippermetti li l-kontijiet pubbliċi jibqgħu f'ekwilibriju. L-akkwirent pubbliku huwa rrakkomandat li jivvaluta l-fattibbiltà li jikkonkludi kuntratti fit-tul dwar ir-rendiment tal-enerġija li jipprovdu ffrankar tal-enerġija fit-tul meta jakkwistaw kuntratti ta' servizz b'kontenut sinifikanti ta' enerġija (eż. provvista tat-tisħin). Biex jiġi ffaċilitat l-użu tal-EPC f'investimenti tas-settur pubbliku u privat u jitneħħew l-ostakli amministrattivi, l-Istati Membri għandhom jipprovdu kuntratti mudell standard, li, għas-settur pubbliku, iridu jkunu konformi mal-Gwida tal-Eurostat dwar it-trattament barra l-karta tal-bilanċ tal-EPC fil-kontabbiltà pubblika.

Ir-riżorsi privati għat-titjib fl-effiċjenza enerġetika jistgħu jiġu mir-riżorsi proprji tal-ESCOs, jew permezz ta' **finanzjament minn partijiet terzi**, li jinvolvi istituzzjonijiet ta' kreditu jew investituri privati oħra, ħafna drabi fil-forma ta' finanzjament b'dejn. Bl-ewwel għażla, l-ESCOs jisselfu r-riżorsi finanzjarji meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-proġett. Bit-tieni għażla, l-utent/il-klijent tal-enerġija jieħu self minn istituzzjoni finanzjarja, appoġġat minn ftehim ta' garanzija għall-iffrankar tal-enerġija mill-ESCO. Il-garanzija tal-iffrankar tal-enerġija tnaqqas il-perċezzjoni tar-riskju tal-bank, u turi li l-proġett se jiġġenera fluss ta' flus kontanti pożittiv, jiġifieri li l-iffrankar miksub żgur se jkopri l-ħlas lura tad-dejn, b'effetti pożittivi għar-rati tal-imgħax innegozjati.

([30]) Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC, Joint Research Centre) tal-Kummissjoni Ewropea (2017) *Il-Kumpaniji ta' Servizzi tal-Enerġija fl-UE*. Id-dokument jipprovdi ħarsa ġenerali lejn it-tipi ta' ESCOs u eżempji mill-Istati Membri.

Filwaqt li l-użu tal-EPC u s-suq għall-ESCOs huma preżenti u operazzjonali għal bini kummerċjali u pubbliku, jeżisti potenzjal ta' żieda fl-iskala għall-industrija, partikolarment għall-SMEs u l-proċessi tal-manifattura tagħhom, u għar-rinnovazzjoni ta' bini residenzjali privat. Biex l-ESCOs jiġu appoġġati fil-penetrazzjoni ta' dawn is-swieq, huwa kruċjali li jitnaqqsu r-riskji u l-inċertezza dwar il-kapaċità tal-klijenti li jħallsu lura l-finanzjament bil-quddiem u li l-ESCOs jiġu protetti mill-inadempjenza tal-klijenti, li għalihom jistgħu jkunu ta' benefiċċju fondi ta' garanzija pubblika allokati speċifikament għall-finanzjament tal-EPC u l-ESCOs. Fl-istess ħin, l-ostakli eżistenti għall-espansjoni tas-suq tal-ESCOs u l-finanzjament privat ma humiex biss relatati mal-profil tar-riskju tal-klijenti potenzjali, iżda wkoll mal-likwidità tal-kapital tal-ESCOs stess u l-abbiltà tagħhom li jżidu l-kapaċità ta' rfigħ tar-riskji tagħhom, u b'hekk jiffirmaw operazzjonijiet ġodda. Għal dawn ir-raġunijiet, mezz ewlieni biex jiġu estiżi l-operazzjonijiet tal-ESCOs huwa rappreżentat minn mekkaniżmi ta' rifinanzjament, bħal fondi ta' fatturament u veikoli finanzjarji speċifiċi għall-effiċjenza enerġetika, li jakkwistaw riċevibbli tal-ESCOs għat-titolizzazzjoni tas-suq sekondarju.

Il-proġett FinEERGo-Dom ([31]) joffri eżempju konvinċenti ta' kif l-operazzjonijiet tal-ikkuntrattar tar-rendiment fl-użu tal-enerġija u tal-ESCOs jistgħu jiġu ingranati.

F'dan l-isfond, l-azzjonijiet ewlenin biex jitkabbar is-suq għas-servizzi tal-effiċjenza enerġetika u l-finanzjament tal-ESCO huma:

— **Jintuża l-appoġġ baġitarju pubbliku tal-UE u dak nazzjonali biex jiġi żviluppat is-suq tal-ESCOs billi jiġi ffaċilitat il-finanzjament għall-ESCOs u għall-veikoli bi skop speċjali għall-effiċjenza enerġetika**. L-implimentazzjoni ta' fondi ta' garanzija għall-EPC, faċilitajiet ta' rifinanzjament tal-ESCOs u skemi ta' fatturament bil-għan li tiġi appoġġata l-kapaċità ta' rfigħ tar-riskji tal-ESCOs, jitnaqqsu r-riskji tal-operazzjonijiet eżistenti tagħhom u jiżdied il-potenzjal tagħhom ta' finanzjament u ta' penetrazzjoni tas-suq.

— **Jiġi promoss ir-rwol tal-ESCOs u ta' forom ġodda ta' kuntrattar, bħall-"enerġija bħala servizz" u l-EPC, bħala pilastru tal-politika nazzjonali dwar l-effiċjenza enerġetika.** Dawn il-mudelli ta' negozju għandhom potenzjal sinifikanti biex jindirizzaw il-kostijiet tal-investiment bil-quddiem għal interventi ta' effiċjenza enerġetika u teknoloġiji ta' elettrifikazzjoni nadifa.

— **Jiġi promoss l-aġġornament tal-oqfsa leġiżlattivi u tal-offerti pubbliċi biex jirrikonoxxu u jiffaċilitaw b'mod espliċitu l-finanzjament u l-EPC.** Jiġu rikonoxxuti l-"enerġija bħala servizz" u l-EPC bħala l-mudell kummerċjali ewlieni biex jattira l-parteċipazzjoni tas-suq privat biex jiġi mmonetizzat l-iffrankar tal-enerġija bħala komodità kummerċjabbli.

— **Jiġu żviluppati sħubijiet bejn il-fornituri tat-teknoloġija, id-distributuri tal-enerġija, il-kumpaniji tas-servizzi tal-enerġija u l-istituzzjonijiet finanzjarji** biex jiġu promossi soluzzjonijiet tal-enerġija sostenibbli u effiċjenti, mekkaniżmi ta' rispons għad-domanda u flessibbiltà tas-sistema tal-enerġija. Dawn il-kollaborazzjonijiet jistgħu jwasslu għal offerti komprensivi li jintegraw teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija, bħal pompi tas-sħana, man-networks u s-servizzi tad-distribuzzjoni.

— **Jiġi appoġġat il-varar ta' infrastruttura avvanzata tal-kejl,** inklużi grilji intelliġenti u networks tal-enerġija li jistgħu jimmonitorjaw awtomatikament il-flussi tal-enerġija u jaġġustaw għall-bidliet fil-provvista u d-domanda tal-enerġija. It-tqabbil ta' miters intelliġenti ma' grilji intelliġenti jista' jipprovdi informazzjoni f'ħin reali dwar l-użu tal-enerġija lill-konsumaturi u lill-fornituri.

### 3.4. Rakkomandazzjoni 10: Jiġu implimentati garanziji pubbliċi u għodod oħra għat-tnaqqis tar-riskji biex jiżdied l-aċċess għal finanzjament privat għall-effiċjenza enerġetika

Għal segmenti tas-suq bħal unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u SMEs, l-iżvilupp ta' investimenti fl-effiċjenza enerġetika ħafna drabi jkun imfixkel minn riskju għoli u aċċess diffiċli għall-finanzi. Madankollu, il-finanzjament privat appoġġat minn garanziji jew self pubbliċi jista' jipprovdi mezz effettiv biex jiġu mmirati dawn is-segmenti. L-istrumenti u l-għodod għat-tnaqqis tar-riskji, bħal garanziji pubbliċi, l-użu sostenibbli ta' għotjiet u sussidji, u l-istandardizzazzjoni jistgħu jnaqqsu r-riskju ta' inadempjenza u jtejbu l-fiduċja fl-investimenti fl-effiċjenza enerġetika.

([31]) Il-Proġett FinEERGo-Dom adatta u implimenta l-mudell innovattiv tal-Faċilità Latvjana għall-Effiċjenza Enerġetika tal-Bini (LABEEF, Building Energy Efficiency Facility) fil-Polonja, fl-Awstrija, fir-Rumanija, fis-Slovakkja u fil-Bulgarija. Il-proġett iffaċilita rinnovazzjonijiet komprensivi u profondi fis-settur tal-bini billi uża mudell ta' kuntrattar ibbażat fuq ir-rendiment li ggarantixxa tfaddil u sfrutta l-kapaċitajiet tal-ESCOs. Il-mudell finanzjarju innovattiv inkluda l-adozzjoni tal-approċċ tal-EPC, li elimina l-ħtieġa għas-sidien tal-bini li jinvestu kapital minn qabel, u b'hekk għamel il-proġetti ta' rinnovazzjoni finanzjarjament vijabbli u tejjeb il-likwidità tal-ESCOs. Għal aktar informazzjoni: https://fineergodom.eu.

**Il-garanziji pubbliċi** jistgħu jagħtu spinta lill-investimenti fl-effiċjenza enerġetika billi jnaqqsu r-riskji tal-proġetti għas-selliefa u għall-investituri. Jistgħu jżidu l-affidabbiltà kreditizja tas-sidien tad-djar u l-intrapriżi, jikkomplementaw programmi nazzjonali, u jiffaċilitaw l-aċċess għal kofinanzjament privat. Il-garanziji pubbliċi jistgħu jkopru wkoll il-kostijiet tal-investimenti parzjalment jew kompletament f'każijiet ta' nuqqas ta' twettiq tal-iffrankar tal-enerġija mistenni, problemi ta' implimentazzjoni, jew inadempjenza ta' min jissellef. Barra minn hekk, jistgħu jappoġġaw rati ta' imgħax żero jew baxxi għal self għall-effiċjenza enerġetika, u l-aggregazzjoni u l-istandardizzazzjoni ta' proġetti iżgħar, u b'hekk jiffaċilitaw ir-rifinanzjament, it-titolizzazzjoni u l-parteċipazzjoni fis-suq sekondarju. Barra minn hekk, jistgħu jappoġġaw l-adozzjoni ta' skemi ta' finanzjament innovattivi għall-effiċjenza enerġetika li jistgħu jattiraw aktar faċilment il-parteċipazzjoni tal-kapital privat, permezz ta' mezzi bħall-parteċipazzjoni tal-ESCO, finanzjament fuq it-taxxa u finanzjament fuq il-kont. Soluzzjonijiet ta' finanzjament innovattivi spiss jeħtieġu garanziji pubbliċi mhux biss biex inaqqsu r-riskji tal-investiment, iżda wkoll biex iżidu l-fiduċja li l-individwi u l-intrapriżi privati jpoġġu f'approċċi aktar innovattivi biex jappoġġaw l-adozzjoni tal-effiċjenza enerġetika.

Fatturi li jippermettu t-tranżazzjonijiet bħall-appoġġ għall-**assistenza teknika** u **aggregaturi oħra ta' proġetti ta' effiċjenza enerġetika** huma wkoll għodod ewlenin għat-tnaqqis tar-riskji. Billi jappoġġaw l-iżvilupp ta' riżervi ta' proġetti ta' effiċjenza enerġetika permezz ta' valutazzjoni, prattiki u proċeduri standardizzati, il-faċilitajiet ta' assistenza teknika u l-aggregaturi tal-proġetti joħolqu prattiki tas-suq u jiġġeneraw fiduċja f'investituri privati. L-għodod għat-tnaqqis tar-riskji u l-fatturi li jippermettu t-tranżazzjonijiet huma kkunsidrati speċjalment importanti fis-swieq emerġenti minħabba r-riskji għoljin perċepiti, in-nuqqas ta' familjarità fi ħdan l-istituzzjonijiet finanzjarji, u n-nuqqas ta' kapaċità ta' żvilupp fis-settur tal-effiċjenza enerġetika. Barra minn hekk, sinjal ċar tas-suq mill-gvernijiet nazzjonali dwar il-prijoritizzazzjoni tal-investimenti għall-effiċjenza enerġetika huwa għodda oħra qawwija għat-tnaqqis tar-riskji, li tipprovdi perspettiva fit-tul u tibni l-fiduċja fost investituri privati u istituzzjonali.

F'dan l-isfond, l-azzjonijiet ewlenin għall-appoġġ tal-iżvilupp ta' strumenti għat-tnaqqis tar-riskji u skemi ta' garanzija pubblika għall-effiċjenza enerġetika huma:

— **Jiġu stabbiliti faċilitajiet ta' garanzija pubblika fit-tul għal self u servizzi ta' effiċjenza enerġetika**. Tali faċilitajiet għandhom jiġu varati bħala linji ta' kreditu u fondi ddedikati f'organizzazzjoni nazzjonali responsabbli għall-investimenti kapitali, inklużi banek promozzjonali nazzjonali u fondi nazzjonali għall-effiċjenza enerġetika, fejn jeżistu. Il-garanziji pubbliċi jistgħu jiġu varati biex jikkumplimentaw il-programmi nazzjonali u l-inċentivi pubbliċi għall-effiċjenza enerġetika sabiex jiżdied l-aċċess għall-kapital privat jew jiġi ffavorit is-self minn banek kummerċjali.

— **L-identifikazzjoni ta' riskji u diffikultajiet speċifiċi għall-pajjiż fl-aċċess għall-finanzjament għall-parteċipanti fis-suq** bħall-unitajiet domestiċi b'introjtu baxx u l-SMEs. Il-politiki tal-effiċjenza enerġetika li jimmiraw speċifikament, pereżempju, lejn unitajiet domestiċi b'introjtu baxx għandhom impatti soċjali pożittivi u jistgħu jwasslu għal diversi benefiċċji. Dawn jinkludu awditi tal-enerġija flimkien ma' strumenti finanzjarji li jikkonsistu f'self u għotjiet għal rinnovazzjonijiet ta' bini, jew kampanji ta' sensibilizzazzjoni ddedikati mibnija fuq fehim aħjar tal-opportunitajiet ta' effiċjenza enerġetika u l-kostijiet u l-benefiċċji tagħhom.

— **L-użu tal-garanziji pubbliċi biex jappoġġaw l-iżvilupp ta' skemi ta' finanzjament innovattivi għall-effiċjenza enerġetika, inklużi opportunitajiet ta' finanzjament permezz tal-effiċjenza enerġetika bħala servizz.** Il-garanziji tar-rendiment tal-enerġija jistgħu, pereżempju, jattiraw aktar kumpaniji ESCO, iżidu l-iskalabbiltà tas-suq tagħhom, jippermettulhom jindirizzaw swieq ġodda, u jappoġġaw it-tnedija tas-suq tas-servizzi tal-enerġija fis-settur residenzjali.

### 3.5. Rakkomandazzjoni 11: Jiġu promossi opportunitajiet ta' finanzjament mill-ġdid u jiġi ffavorit l-iżvilupp tas-suq sekondarju għall-effiċjenza enerġetika

**L-iffaċilitar tal-iżvilupp tas-suq sekondarju għall-effiċjenza enerġetika, pereżempju permezz ta' bonds ekoloġiċi** ([32]), jista' jżid l-għadd ta' proġetti ta' effiċjenza enerġetika u jtejjeb b'mod sinifikanti d-disponibbiltà tal-kapital għall-investituri privati fl-effiċjenza enerġetika. Il-bonds ekoloġiċi jinħarġu prinċipalment għall-assi tal-enerġija inkluża l-effiċjenza enerġetika. Is-settur tal-effiċjenza enerġetika jkopri l-bini ġdid u rranġat, il-ħżin tal-enerġija, it-tisħin distrettwali, il-grilji intelliġenti, l-apparat u l-prodotti. Il-ħruġ ta' bonds ekoloġiċi jipprovdi ammont kbir u profond ta' finanzjament għall-investituri, effett ta' ingranaġġ għoli, ma għandux bżonn ta' finanzjament pubbliku, u jipprovdi sinjalar qawwi tas-suq. Jista' jattira investituri ġodda u jenfasizza l-ħtieġa għal fokus akbar fuq il-limiti tal-effiċjenza enerġetika u portafolli ta' rinnovazzjonijiet profondi għall-bini.

([32]) Il-bonds ekoloġiċi huma tip ta' dejn maħruġ minn istituzzjonijiet pubbliċi jew privati biex jiffinanzjaw lilhom infushom u, jimpenjaw l-użu tal-fondi miksuba għal proġett ambjentali jew wieħed relatat mal-indirizzar tat-tibdil fil-klima. Ara l-eżempji fir-Rapport tal-EEFIG tal-2022 "Report on the evolution of financing practices for energy efficiency in buildings, SME's and in industry" https://op.europa.eu/publication-detail/-/publication/a3032517-c761-11ec-b6f4-01aa75ed71a1.

**Regolament dwar Standard Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi volontarji** (EUGBS, European Green Bond Standard) kien adottat fit-22 ta’ Novembru 2023 ([33]). Il-ħruġ ta’ bonds ekoloġiċi skont l-istandard il-ġdid jirrikjedi konformità sħiħa mal-Kriterji tat-Tassonomija tal-UE għall-assi ffinanzjati minn bond ekoloġiku.

L-iżvilupp ta’ suq sekondarju għall-effiċjenza enerġetika ħafna drabi huwa marbut mal-istabbiliment ta’ aggregaturi ta’ proġetti, rifinanzjament tal-effiċjenza enerġetika u faċilitajiet ta’ konfiska. Ir-rifinanzjament għall-effiċjenza enerġetika jinvolvi t-trasferiment tad-drittijiet għar-riċevibbli tal-iffrankar tal-enerġija (kost) u/jew il-ħlasijiet lura mistennija tal-investiment fl-effiċjenza enerġetika lil istituzzjonijiet finanzjarji jew investituri istituzzjonali. Fil-kuntest tal-finanzjament tal-ESCO u l-EPC, l-ESCOs jew is-sellief oriġinali jistgħu jittrasferixxu drittijiet għal pagamenti futuri mill-EPC, u b’hekk l-ESCOs ikunu jistgħu jirċievu injezzjonijiet ta’ kapital u likwidità biex iżidu l-operazzjonijiet tagħhom. L-ESCOs u l-istituzzjonijiet finanzjarji spiss joħolqu sħubijiet iddedikati biex jiġbru flimkien ir-riċevibbli mill-EPC f’bonds ekoloġiċi ddedikati. Is-super-ESCOs ħarġu biex jiffavorixxu l-ġbir ta’ proġetti u jaġixxu bħala intermedjarji bejn l-ESCOs u l-investituri istituzzjonali. Fil-kuntest ta’ self u ipoteki għall-effiċjenza enerġetika, l-istituzzjonijiet finanzjarji ġeneralment jiġbru flimkien id-djun eżistenti marbuta ma’ self u ipoteki għall-effiċjenza enerġetika f’bonds ekoloġiċi, biex jiġu introdotti fis-suq sekondarju. L-istabbiliment ta’ faċilitajiet ta’ konfiska u ta’ rifinanzjament jista’ jiġi appoġġat mill-awtoritajiet nazzjonali u minn intervent pubbliku, pereżempju billi jiġu stabbiliti faċilitajiet li jiffavorixxu l-aggregazzjoni ta’ proġetti minn oriġinaturi ta’ self differenti. Il-fond tat-titolizzazzjoni tal-impriża ta’ investiment kollettiv ([34]) (UCI, underaking for collective investement) fi Spanja u l-Portugall huwa eżempju ta’ din it-tip ta’ inizjattiva kollaborattiva.

F’dan l-isfond, l-azzjonijiet ewlenin għall-Istati Membri huma:

— **L-ixprunar u l-appoġġ tal-iżvilupp tas-suq tal-bonds ekoloġiċi** fil-kuntest nazzjonali tagħhom, inkluż il-ħruġ ta’ bonds ekoloġiċi nazzjonali u reġjonali, il-promozzjoni tal-użu tal-Istandard Ewropew għall-Bonds Ekoloġiċi volontarji, u/jew l-istabbiliment ta’ standards dedikati li jaqdu l-ispeċifiċitajiet u l-ħtiġijiet tas-suq tagħhom.

— **Jiġu stabbiliti djalogi dedikati ma’ istituzzjonijiet finanzjarji** biex jiġu ffaċilitati l-ġbir u l-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-iżvilupp ta’ bonds ekoloġiċi għall-effiċjenza enerġetika, u skambji dwar kif jiġi ffavorit l-iżvilupp ta’ suq sekondarju għal investimenti fl-effiċjenza enerġetika.

— **Jiġi appoġġat l-istabbiliment ta’ faċilitajiet dedikati ta’ rifinanzjament għall-effiċjenza enerġetika**, inklużi skemi ta’ fatturament għall-EPC u l-ħolqien ta’ super-ESCOs, u fondi tat-titolizzazzjoni tal-effiċjenza enerġetika bħala inizjattivi kollaborattivi bejn banek promozzjonali u istituzzjonijiet finanzjarji privati.

## 3.6. Rakkomandazzjoni 12: Jitjieb il-ġbir tad-data dwar l-effiċjenza enerġetika, inkluż dwar il-prestazzjoni finanzjarja tal-investiment fl-effiċjenza enerġetika u l-appoġġ ta’ miżuri ta’ monitoraġġ u ta’ verifika tal-iffrankar tal-enerġija

It-trekkjar komprensiv u sistematiku tad-data dwar l-investiment fl-effiċjenza enerġetika għadu sfida. It-titjib tas-sistemi ta’ rapportar, flimkien mal-monitoraġġ u l-valutazzjoni komparattiva tar-rendiment tal-enerġija u l-prestazzjoni finanzjarja, jista’ jtejjeb it-trattament finanzjarju tal-effiċjenza enerġetika.

L-armonizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-prattiki ta’ monitoraġġ u verifika għall-iffrankar tal-enerġija madwar l-Istati Membri u l-investituri finanzjarji jistgħu jnaqqsu l-kostijiet tat-tranżazzjonijiet, jibnu l-fiduċja fil-prestazzjoni finanzjarja tal-investimenti fl-effiċjenza enerġetika, jiffavorixxu l-integrazzjoni tas-suq għas-servizzi tal-effiċjenza enerġetika, u jżidu l-fiduċja fil-valur monetarju assoċjat mal-iffrankar tal-enerġija u n-negozjabbiltà tagħhom.

([33]) Ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta’ Novembru 2023 dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà (ĠU L, 2023/2631, 30.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2631/oj).

([34]) Il-fond tat-Titolizzazzjoni RMBS Green Prado XI/UCI huwa inizjattiva kollaborattiva li tinvolvi lill-BEI, l-Instituto de Crédito Oficial (ICO), u l-Unión de Créditos Inmobiliarios (UCI), biex tititolizza ipoteki residenzjali minn Spanja u l-Portugall. Jippromwovi proġetti residenzjali effiċjenti fl-użu tal-enerġija fi Spanja u l-Portugall billi jiġbor flimkien ipoteki residenzjali f’portafoll titolizzat. Il-fond tat-titolizzazzjoni jiġbor flimkien assi (ipoteki residenzjali fil-fond UCI) biex joħloq portafolli ta’ investiment attraenti għall-investituri istituzzjonali. Għal aktar informazzjoni: https://www.eib.org/en/press/all/2023-165-eib-group-and-ico-invest-in-uci-securitisation-fund-for-renovating-and-building-residential-homes-using-sustainable-criteria-in-spain-and-portugal.

L-Artikolu 8 u l-Anness V tad-Direttiva dwar l-Effiċjenza Enerġetika jistabbilixxu kriterji komuni għall-verifika tal-iffrankar tal-enerġija u miżuri ta' kontroll biex jiġu ssodisfati l-obbligi annwali tal-iffrankar tal-enerġija. Barra minn hekk, l-istandards Ewropej u internazzjonali ([35]) jistgħu jintużaw minn istituzzjonijiet finanzjarji u investituri biex ikejlu u jivverifikaw ir-rendiment tal-iffrankar tal-enerġija miksuba mill-operazzjonijiet ta' self tagħhom.

F'dan l-isfond, l-azzjonijiet ewlenin biex jittejbu l-ġbir tad-data u l-analiżi u tiġi ffavorita l-armonizzazzjoni tal-miżuri ta' monitoraġġ u verifika huma:

— **Jingħata appoġġ għall-armonizzazzjoni, l-istandardizzazzjoni u s-simplifikazzjoni tal-miżuri ta' monitoraġġ u verifika tal-iffrankar tal-enerġija fl-Istati Membri u fis-setturi ekonomiċi**. Il-monitoraġġ u l-verifika tal-iffrankar tal-enerġija għandhom isiru aktar sempliċi u armonizzati bejn l-atturi tas-suq, mill-ESCOs inkarigati li jiżguraw ir-rendiment tal-enerġija tal-investimenti sal-istituzzjonijiet finanzjarji responsabbli biex jissodisfaw l-obbligi ta' żvelar tagħhom, u li possibbilment ikunu interessati li jinnegozjaw ir-riċevibbli tal-investiment fis-suq sekondarju. Ostakli bħal metodoloġiji ta' kalkolu differenti u/jew kumplessi wisq madwar l-Istati Membri u s-setturi ekonomiċi għandhom jiġu indirizzati billi titrawwem l-armonizzazzjoni transfruntiera bħala parti mill-kooperazzjoni tal-Istati Membri f'fora komuni tal-UE dwar l-effiċjenza enerġetika, bħall-Azzjonijiet Miftiehma jew il-Gruppi ta' Esperti dwar l-EED u l-EPBD. L-istabbiliment ta' skemi nazzjonali għall-iffrankar tal-enerġija (skema ta' obbligu għall-fornituri tal-enerġija, miri għall-iffrankar tal-enerġija għal kumpaniji kbar intensivi fl-enerġija), jista' jiffaċilita l-istandardizzazzjoni ta' soluzzjonijiet eliġibbli għall-effiċjenza enerġetika u proċeduri ta' kejl u verifika tal-iffrankar tal-enerġija.

— **Tiġi promossa l-applikazzjoni ta' standards internazzjonali** bħala għodod għat-tnaqqis tar-riskji biex jiġu vvalutati u mkejla l-benefiċċji u l-kobenefiċċji tal-enerġija u tal-ambjent ta' proġetti ta' effiċjenza enerġetika. L-applikazzjoni u r-referenza għal standards internazzjonali, eż. fil-proċedura ta' diliġenza dovuta u sottoskrizzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji, jistgħu jippermettu t-trasparenza, il-komparabbiltà ta' għażliet differenti kif ukoll iżidu l-materjalità tar-rappurtar u l-iżvelar.

([35]) Eżempji ta' standards żviluppati mill-Organizzazzjoni Ewropea tal-Istandardizzazzjoni, rilevanti għas-setturi tal-bini u tal-industrija jinkludu: Awditi tal-enerġija (EN 16247), Rendiment fl-użu tal-enerġija tal-binjiet (il-familja tal-istandards EN ISO 52000), Sistemi ta' ġestjoni tal-Enerġija u Ambjentali (EN ISO 50001 u EN ISO 14001), Servizzi ta' effiċjenza fl-użu tal-enerġija u l-benefiċċji u l-kobenefiċċji multipli relatati (EN 15900), Kuntratti għar-Rendiment fl-Użu tal-Enerġija (EN 17669), u Valutazzjoni ta' investimenti relatati mal-enerġija (EN 17463).